**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0360/2023**

14.11.2023

# RAPPORT

dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta' kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom
(2023/2066(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Sandra Pereira



*Magħquda fid-diversità*

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**


MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................25

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.........................................................................................28

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ........................................................................................................................29

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................41

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......42

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta' kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom**
**(2023/2066(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 14, 24, 32 u 33 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu[1], bil-miri ewlenin tiegħu għall-2030 u t-tabella ta' valutazzjoni soċjali tal-UE,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 u l-impenji mġedda fil-Forum Soċjali ta' Porto 2023,

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata fi New York f'Settembru 2015,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989,

– wara li kkunsidra l-Patt tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, adottat fi New York fis-16 ta' Diċembru 1966,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, adottata f'Turin fl-1961,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, adottata fi New York fit-13 ta' Diċembru 2006,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-drittijiet tat-tfal,

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[2],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2013/112 tal-20 ta' Frar 2013 intitolata "L-Investiment fit-Tfal: Biex jitwaqqaf iċ-ċiklu tal-iżvantaġġ"[3],

[1] COM(2021)0102.
[2] ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.
[3] ĠU L 59, 2.3.2013, p. 5.

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal[4],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2022 dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1478/22 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030[5] u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja[6],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2014 taċ-ċentru ta' riċerka tal-UNICEF intitolat "Children of the Recession: The impact of the economic crisis on child well-being in rich countries (It-tfal tar-riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri)",

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2015 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażagħ li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar ir-risposta tal-UE għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa[12],

– wara li kkunsidra n-nota ta' informazzjoni tal-2019 tal-Eurydice intitolata "Key data on early childhood education and care in Europe" (Data ewlenija dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fl-Ewropa),

– wara li kkunsidra r-rapprt tal-2020 tal-UNICEF intitolat "Innocenti Report Card 16. Worlds of Influence – Understanding What Shapes Child Well-being in Rich Countries" (Rapport Innocenti 16. Dinjiet ta' Impatt - Nifhmu xi jsawwar il-benessri tat-tfal fil-pajjiżi sinjuri),

[4] ĠU C 189, 5.6.2019, p. 4.
[5] ĠU C 484, 20.12.2022, p. 1.
[6] ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1.
[7] ĠU C 366, 27.10.2017, p. 19.
[8] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 145.
[9] ĠU C 506, 15.12.2021, p. 94.
[10] ĠU C 434, 15.11.2022, p. 50.
[11] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30.
[12] ĠU C 132, 14.4.2023, p. 65.

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2021 tal-UNICEF intitolat "Protecting child rights in a time of crises" (Inħarsu d-drittijiet tat-tfal fi żmien ta' kriżijiet),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2021 tal-UNICEF intitolat "Where do rich countries stand on childcare?" (X'inhi s-sitwazzjoni fil-pajjiżi sinjuri fejn jidħol l-indukrar tat-tfal?),

– wara li kkunsidra l-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-24 ta' Marzu 2021 intitolata "Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal" (COM(2021)0142),

– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kummissjoni ta' Marzu 2020 intitolat "Feasibility study for a child guarantee" (Studju ta' fattibbiltà għal garanzija għat-tfal),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal[13],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM(2023)0298),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 intitolata "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM (2020) 0620),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" (COM(2021)0101),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva[14],

– wara li kkunsidra r-rapport Eurochild (2022) intitolat "(In)visible children – Eurochild 2022 report on children in need across Europe" (Tfal (in)viżibbli – Rapport tal-2022 tal-Eurochild dwar it-tfal fil-bżonn madwar l-Ewropa),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2023 ta' Save the Children intitolat "Guaranteeing Children's Future – How COVID-19, cost-of-living and climate crises affect children in poverty and what governments in Europe need to do" (Niggarantixxu futur lit-Tfal – Kif il-COVID-19, l-għoli tal-ħajja u l-kriżijiet klimatiċi jaffettwaw lit-tfal li jgħixu fil-faqar u x'jeħtieġ jagħmlu l-gvernijiet fl-Ewropa),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2021 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xogħol (ILO) – UNICEF intitolat "Child Labour: Global estimates 2020, trends and the road forward" (It-Tħaddim tat-Tfal: Estimi globali għall-2020, xejriet u t-triq 'il quddiem),

[13] ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.
[14] ĠU C 41, 3.2.2023, p. 1.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2023 tal-ILO – UNICEF intitolat "More than a billion reasons: The urgent need to build universal social protection for children" (Iktar minn biljun raġuni: il-ħtieġa urġenti li tinħoloq protezzjoni soċjali universali għat-tfal),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2022 intitolata "Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal" (COM(2022)0212),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0360/2023),

A. billi l-kwalità tal-ambjenti fejn jitwieldu t-tfal u tal-ispazji tal-għajxien tagħhom għandha impatt deċiżiva fuq il-kwalità ta' ħajjithom, l-opportunitajiet indaqs tagħhom biex jikbru b'saħħithom, l-iżvilupp ġenerali tagħhom u l-ilħuq tal-potenzjal tagħhom; billi l-kampanja "First 1 000 Days" (L-ewwel 1 000 jum) tal-UNICEF issostni li l-moħħ tat-tfal jiżviluppa b'rata bla preċedent fl-ewwel snin ta' ħajja, u dan il-perjodu jipprovdi opportunità unika għall-iżvilupp fiżiku, mentali, konjittiv, soċjali u emozzjonali tat-tfal; billi kull tifel u tifla huma uniċi u għandhom jiġu ttrattati b'rispett għall-partikolaritajiet, il-pass tal-iżvilupp, l-oqsma ta' interess u l-ħtiġijiet tagħhom; billi l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-prinċipju gwida għall-azzjonijiet kollha li għandhom impatt fuq it-tfal, kif iddikjarat fl-UNCRC;

B. billi l-esponiment għall-abbuż u n-negliġenza jaffettwaw b'mod negattiv l-iżvilupp tat-tfal; billi l-inugwaljanzi stabbiliti f'età żgħira ħafna jinfluwenzaw b'mod negattiv l-opportunitajiet, il-benessri u s-saħħa tat-tfal; billi dawn l-inugwaljanzi jista' jkollhom riperkussjonijiet tul il-ħajja fl-età adulta tagħhom u jistgħu jżommuhom milli jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom; billi l-prevenzjoni tal-inugwaljanzi hija l-aħjar politika għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fuq perjodu ta' żmien twil;

C. billi nuqqas ta' servizzi aċċessibbli, ta' kwalità u ċċentrati fuq it-tfal u ta' appoġġ għall-familji jżid ir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali fost it-tfal; billi l-familji jesperjenzaw sfidi multipli u interdipendenti li l-ebda servizz jew organizzazzjoni ma jistgħu jsolvu, u s-soluzzjoni għal dawn li tirrikjedi kontinwità tas-servizzi u koordinazzjoni xierqa bejn is-servizzi biex jitħejjew u jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet li jiffaċċjaw it-tfal;

D. billi fl-2022, aktar minn 19 995 miljun tifel u tifla (24,7 % jew wieħed minn kull erbat itfal) kienu f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali fl-UE; billi, minkejja xi differenzi, l-ebda Stat Membru ma huwa ħieles mill-faqar fost u l-esklużjoni soċjali tat-tfal; billi f'xi Stati Membri dan ir-riskju jaqbeż it-30 %; billi ċifri reċenti juru żieda f'dan l-indikatur f'dawn l-aħħar erba' snin; billi, anki reċentement, proprju fl-2022, l-organizzazzjonijiet tal-karità rreġistraw żieda fit-talbiet għal appoġġ mis-servizzi soċjali[15];

[15] Eurodiaconia u Caritas Europa Survey on energy poverty/cost-of-living crisis (Stħarriġ dwar il-faqar

E. billi, fl-2022, il-perċentwal ta' tfal (taħt l-età ta' 18-il sena) fl-UE li kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali kien akbar minn dak tal-adulti, għal 21,6 %; billi t-tfal kienu f'riskju akbar ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali mill-adulti fi 18-il Stat Membru tal-UE mis-27; billi aktar minn għoxrin fil-mija (22,4 %) tal-popolazzjoni tal-UE li jgħixu f'unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-2022; billi, fl-2022, 61,9 % tat-tfal li l-livell ta' edukazzjoni tal-ġenituri tagħhom kien baxx kienu f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 10,2 % tat-tfal li l-livell ta' edukazzjoni tal-ġenituri tagħhom kien għoli[16];

F. billi l-faqar fost it-tfal huwa fenomenu multidimensjonali li joriġina mill-faqar tal-unitajiet domestiċi, li jfisser li familji b'introjtu baxx u livell baxx ta' edukazzjoni, familji b'ġenitur wieħed – fil-biċċa l-kbira magħmula minn nisa u t-tfal tagħhom – familji kbar żvantaġġati, familji li jgħixu f'reġjuni żvantaġġati, familji minn minoranzi etniċi differenti u familji bi tfal jew ġenituri b'diżabilità huma f'riskju ogħla ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali u għandhom probabbiltà akbar ta' trażmissjoni interġenerazzjonali ta' faqar; billi r-ridistribuzzjoni tal-ġid (permezz tal-pagi u t-trasferimenti soċjali) għandha impatt deċiżiv fuq l-inugwaljanza soċjali, ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, u, konsegwentement, fuq ir-riskju tal-faqar fost it-tfal; billi dan il-fenomenu jirrikjedi rispons multidimensjonali, li jinkorpora miżuri universali u miżuri mmirati, biex jiġi evitat li l-inugwaljanzi jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku; billi dawn neċessarjament jinkludu l-ħolqien ta' impjiegi u għandhom jiżguraw il-kwalità u l-istabbiltà tal-impjiegi u jiggarantixxu u jsaħħu d-drittijiet soċjali, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni u l-benefiċċji tal-familja u tat-tfal; billi l-allowances nazzjonali għat-tfal huma miżura essenzjali biex jiġu megħjuna l-familji fil-bżonn u biex jiġi żgurat aċċess universali għal servizzi pubbliċi ta' kwalità u affordabbli;

G. billi fl-2022, 16,8 % mill-popolazzjoni tal-UE kienu jgħixu f'unitajiet domestiċi ffullati żżejjed u 9,3 % minnha ma setgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat; billi 8,3 % mill-popolazzjoni tal-UE nefqu 40 % jew aktar mill-introjtu disponibbli tal-unità domestika tagħhom fuq l-akkomodazzjoni;

H. billi fl-2022, 56 % tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'adult wieħed bi tfal dipendenti fl-UE ma setgħux ilaħħqu mal-ispejjeż finanzjarji mhux previsti; billi, fl-2020, il-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment il-familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali (42,1 % meta mqabbla ma' 29,6 % fl-unitajiet tal-familja b'żewġ adulti u tliet tfal jew aktar[17]); billi dan huwa relatat mal-femminizzazzjoni tal-faqar, ir-rappreżentanza żejda tan-nisa f'xogħol prekarju u mħallas ħażin u bħala ħaddiema part-time, il-piż eċċessiv tagħhom ta' responsabbiltajiet ta' kura u d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa; billi d-differenza fir-rata ta' impjieg tal-irġiel u n-nisa mingħajr tfal hija ta' 1 %; billi għal dawk li għandhom tfal iżgħar minn sitt snin ir-rata hija ta' 21 % u titla' għal 37 % għal dawk bi tlett itfal[18];

enerġetiku/il-kriżi tal-għoli tal-ħajja), 2022.

[16]Eurostat, "1 in 4 children in the EU at risk of poverty or social exclusion" (Wieħed minn erbgħa fl-UE f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali), it-28 ta' Ottubru 2021.

[17]Eurostat, "1 in 4 children in the EU at risk of poverty or social exclusion" (Wieħed minn erbgħa fl-UE f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali), it-28 ta' Ottubru 2021.

[18] Eurofound, "Living and Working Conditions in Europe 2021" (Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol fl-

I. billi t-tfal li jikbru fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali jsibuha aktar diffiċli biex jirnexxu fl-iskola, biex jibqgħu b'saħħithom u biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja; billi l-investiment soċjali fl-ewwel snin tat-tfal jiġġenera redditi soċjoekonomiċi sinifikanti, jikkontribwixxi għall-ksur taċ-ċiklu tal-faqar interġenerazzjonali, u, bħala tali, ma għandux jitqies bħala spiża; billi l-impatt ekonomiku tal-faqar fit-tfulija u tal-iżvantaġġi soċjoekonomiċi, kif ukoll ir-riperkussjonijiet tagħhom fuq l-adulti li jaħdmu, huwa stmat 3,4 % tal-prodott domestiku gross tal-pajjiżi tal-UE kull sena;

J. billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali huma relatati mal-istatus tal-migrazzjoni, tal-minoranza jew tad-diżabilità tat-tfal u tal-ġenituri tagħhom; billi t-tfal migranti huma rrappreżentati żżejjed fil-grupp f'riskju ta' faqar; billi n-nuqqas ta' dokumenti ta' nazzjonalità jew ta' identità jagħmilha diffiċli għat-tfal apolidi biex jaċċessaw uħud mill-aktar drittijiet fundamentali, bħar-reġistrazzjoni tat-twelid, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, is-sigurtà soċjali u l-akkomodazzjoni, u jesponihom għal riskji akbar ta' abbuż u ta' sfruttament; billi f'April 2023, bħala konsegwenza tal-invażjoni Russa, kważi 4 miljun ċittadin mhux tal-UE ħarbu mill-Ukrajna lejn Stat Membru tal-UE;

K. billi kważi 83 % tat-tfal Rom[19] fl-UE jgħixu fl-unitajiet domestiċi li huma f'riskju ta' faqar; billi wieħed minn kull ħames tifel jew tifla Rom għexu f'unità domestika mingħajr ilma tal-vit intern fl-2021; billi l-proporzjon ta' tfal Rom li jesperjenzaw deprivazzjoni materjali severa jaqbeż bil-kbir is-sehem ta' tfal vulnerabbli fil-popolazzjoni ġenerali; billi fl-2022, 6 minn kull 10 tifel jew tifla Rom ma kellhomx aċċess għal servizzi ta' kwalità fit-tfulija bikrija, u 4 minn kull 10 familji Rom bi tfal taħt is-sitt snin ma rċevew l-ebda tip ta' sussidju jew appoġġ simili;

L. billi l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, iż-żieda fl-għoli tal-ħajja u l-gwerra fil-Ukrajna aggravaw il-vulnerabbiltajiet ekonomiċi u soċjali tat-tfal u tal-familji tagħhom, speċjalment l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju li ntlaqtu l-aktar mill-pandemija u mill-kriżijiet preċedenti; billi l-volatilità soċjali u ekonomika globali attwali kif ukoll ir-riskji ġġenerati mit-tibdil fil-klima jżidu l-possibbiltà ta' kriżijiet ġodda; billi r-reazzjonijiet kontroċikliċi għall-kriżijiet reċenti wrew li huma aktar effettivi fl-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali mill-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali bbażati fuq l-awsterità u t-tnaqqis fl-infiq promossi fil-kriżi tal-2008–2013;

M. billi l-pandemija tal-COVID-19 aggravat id-diffikultajiet li jiffaċċjaw it-tfal, minħabba t-tfixkil tal-ħajja ta' kuljum u l-kuntatti soċjali, l-għeluq tal-iskejjel, it-tnaqqis fil-kapaċità li tiġi pprovduta protezzjoni mill-vjolenza domestika, l-abbuż u n-negliġenza matul il-lockdown u t-tfixkil tas-servizzi soċjali bażiċi; billi dawn id-diffikultajiet kellhom impatt akbar fuq it-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli li ma kellhomx it-tagħmir, il-kopertura tal-internet jew saħansitra l-elettriku għall-edukazzjoni online u setgħu tilfu l-unika ikla sħuna tagħhom ta' kuljum jew l-aċċess tagħhom għat-tisħin;

Ewropa 2021), p. 73

[19] F'konformità mal-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom 2020-2030, ir-referenza għar- "Rom", bħala terminu ġenerali, tinkludi firxa wiesgħa ta' persuni differenti ta' oriġini Romani bħal: Roma, Sinti, Kale, Romanichels u Boyash/Rudari. Dan dan jiġbor fih ukoll gruppi bħall-Ashkali, l-Eġizzjani, il-Yenish, id-Dom, il-Lom, ir-Rom u l-Abdal, kif ukoll popolazzjonijiet ta' travellers, inklużi t-Travellers etniċi jew dawk iddeżinjati taħt it-terminu amministrattiv "Gens du voyage", u persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala Żingari, Tsiganes jew Tziganes, mingħajr ma jinċħadu l-karatteristiċi speċifiċi ta' tali gruppi. Din id-definizzjoni għandha titqies fir-rapport kollu.

N. billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, adottat fl-2021, għandu l-mira li jnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-anqas 5 miljun sal-2030; billi l-Istati Membri adottaw miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar; billi l-kisba ta' din il-mira tkun tfisser li madwar 15-il miljun tifel u tifla fl-UE xorta jkunu f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali sa dak iż-żmien; billi, mingħajr miżuri adegwati, dan in-numru huwa mistenni li jkompli jiżdied mat-tfaċċar ta' kriżijiet soċjali kumplessi u interkonnessi ġodda;

O. billi l-qerda tal-faqar fost it-tfal hija pass 'il quddiem indispensabbli fil-bini ta' Ewropa ġusta, ugwali u soċjali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri; billi l-istatus soċjoekonomiku qatt m'għandu jkun ostaklu għall-aċċess tat-tfal għal servizzi essenzjali; billi aktar appoġġ huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li t-tfal u l-familji jkollhom aċċess għal servizzi essenzjali;

P. billi l-finanzjament tal-UE jippermetti investiment fil-livell nazzjonali biex jiġi miġġieled il-faqar fost it-tfal u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali; billi, minbarra l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), sorsi oħra jistgħu jintużaw direttament jew indirettament biex jiffinanzjaw programmi li għandhom impatt fuq il-ħajja tat-tfal u l-familji tagħhom f'kull tip ta' modi;

Q. billi t-tfal, il-ġenituri, il-familji u l-persuni li jindukraw kollha għandhom ikunu protetti mid-diskriminazzjoni, bħad-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, lingwa, identità sesswali u/jew tal-ġeneru, reliġjon jew twemmin, twemmin politiku jew ideoloġiku, oriġini nazzjonali, razzjali, etnika jew soċjali, appartenenza għal minoranza nazzjonali, sitwazzjoni soċjoekonomika, diżabilità u bżonnijiet speċjali oħra, età jew kwalunkwe status ieħor;

R. billi l-familji qed isiru dejjem aktar diversi; billi l-politiki dwar l-appoġġ għat-tfal u dwar il-familja mhux dejjem jirriflettu u mhumiex adattati biżżejjed għad-diversità tal-familja u l-arranġamenti tal-għajxien tal-familja (eż. familji b'ġenituri mhux miżżewġin, tfal ta' ġenituri separati li jgħixu f'żewġ unitajiet domestiċi jew tfal li jgħixu f'familja kbira mħallta, familji tar-rispett u familji qawsalla), għad-detriment tal-istandards tal-għajxien tal-familji, l-aċċess għall-programmi u l-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali, u r-reżiljenza tagħhom għall-kriżijiet; billi l-UE u l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw il-protezzjoni tal-familja fil-livell legali, ekonomiku u soċjali;

S. billi, fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal, sabiex jiġi żgurat li t-tfal fil-bżonn ikollhom aċċess għal servizzi essenzjali, pereżempju, servizzi mingħajr ħlas ta' kura u edukazzjoni għat-tfulija bikrija, edukazzjoni mingħajr ħlas (inklużi attivitajiet addizzjonali fl-iskejjel u, mill-anqas, ikla waħda tajba għas-saħħa għal kull jum tal-iskola), kura tas-saħħa mingħajr ħlas, nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata; billi dan l-istrument jirrappreżenta opportunità biex jitnaqqsu l-faqar u l-inugwaljanzi u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tat-tfal; billi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal iddeterminat li t-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli għandhom jiġu ttrattati b'mod prijoritarju[20]: billi l-Istati

[20] L-użu tal-espressjoni "tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli" jew "tfal minn sfondi/unitajiet domestiċi żvantaġġati" f'dan ir-rapport jirreferi għad-definizzjoni minquxa fil-Garanzija għat-Tfal, li tinkludi l-gruppi li ġejjin: tfal mingħajr dar jew tfal li jesperjenzaw privazzjoni gravi ta' akkomodazzjoni; tfal b'diżabilità; tfal bi problemi ta' saħħa mentali; tfal li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni jew minn minoranza etnika, b'mod partikolari r-Rom;

Membri kollha, sabiex juru l-impenn tagħhom għal politika integrata mmirata lejn it-tkissir taċ-ċirku vizzjuż tal-faqar, huma meħtieġa jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tal-FSE+ tagħhom għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tal-Garanzija għat-Tfal; billi, f'Ottubru 2023, tliet Stati Membri kienu għadhom ma ppreżentawx il-pjanijiet nazzjonali tagħhom;

T. billi, skont l-UNCRC, li l-Istati Membri kollha huma firmatarji tagħha, it-tfal kollha jenħtieġ li jingħataw id-dritt għall-edukazzjoni, is-servizzi tal-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni, id-dritt li jieħdu sehem f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom, id-dritt għad-divertiment u l-ħin liberu u għal dieta bilanċjata u d-dritt li jirċievu l-kura f'ambjent ta' familja;

U. billi l-Kunsill adotta r-rakkomandazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-miri ta' Barċellona dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal li tinkludi proposta li jiġi introdott intitolament legali għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal;

V. billi, fl-UE fl-2022, 35,7 %[21] biss tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin kellhom aċċess għal sistema formali ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC), filwaqt li dan il-perċentwal jitla' għal 88 % għat-tfal bejn it-tliet snin u l-età obbligatorja minima biex jibdew l-iskola primarja; billi seba' Stati Membri tal-UE biss jiggarantixxu post f'sistema tal-ECEC għal kull tifel u tifla mill-età ta' sitt xhur; billi diversi Stati Membri jiggarantixxu post iffinanzjat fis-sistema tal-indukrar tat-tfal biss mill-età ta' tliet snin; billi d-disponibbiltà tal-ECEC mingħajr ħlas tiżdied b'mod konsiderevoli mill-età ta' tliet snin u din it-tendenza tkompli kull sena ta' età, u ssir kważi universali fl-Ewropa kollha fl-aħħar sena qabel ma tibda l-edukazzjoni primarja obbligatorja[22]; billi fl-Ewropa l-maġġoranza tal-familji jridu jħallsu miżati għat-tagħlim biex jaċċessaw is-servizzi tal-ECEC għat-tfal taħt it-tliet snin; billi n-nuqqas ta' aċċess għal dawn is-servizzi – spiss minħabba l-interazzjoni ta' disponibbiltà skarsa u spejjeż għoljin, moħbija u diretti – jaffettwa familji minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, familji b'ġenitur wieħed u familji minn reġjuni u territorji inqas żviluppati, li jżid ir-riskju ta' esklużjoni soċjali bikrija tat-tfal; billi, anke f'pajjiżi fejn il-livell medju ta' disponibbiltà tas-servizzi tal-ECEC huwa għoli, il-parteċipazzjoni tat-tfal f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali fl-ECEC hija mxekkla minn nuqqas ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal;

W. billi l-ECEC għandha impatt deċiżiv fuq is-saħħa u l-iżvilupp konjittiv u soċjoemozzjonali tat-tfal; billi l-ġenituri li jaħdmu li ma għandhomx aċċess għal faċilità għall-indukrar tat-tfal spiss jiġu mġiegħla jħallu it-tfal f'kura informali, inkluż f'networks ta' kura mhux iċċertifikati; billi ECEC inklużiva u ta' kwalità għolja tiżgura opportunitajiet edukattivi ugwali għal dawk it-tfal u trawwem l-integrazzjoni tal-ġenituri, speċjalment l-ommijiet, fis-suq tax-xogħol; billi edukazzjoni inklużiva

---

tfal f'kura alternattiva, speċjalment dik istituzzjonali; tfal f'sitwazzjonijiet prekarji tal-familja. F'dan ir-rapport, din id-definizzjoni tinkludi wkoll tfal LGBTIQ+.

[21] Eurostat, "Children in formal childcare or education by age group and duration - % over the population of each age group – EU-SILC survey" (Tfal f'indukrar formali tat-tfal jew edukazzjoni skont il-grupp ta' età u t-tul ta' żmien - % tal-popolazzjoni ta' kull grupp ta' età – stħarriġ tal-UE-SILC) 29.9.2023; id-data tikkorrispondi għas-somma tal-perċentwal ta' tfal taħt it-tliet snin li huma f'indukrar formali tat-tfal għal 1–29 siegħa fil-ġimgħa u ta' dawk li huma f'indukrar formali tat-tfal ta' aktar minn 30 siegħa fil-ġimgħa.

[22] Il-Kummissjoni Ewropea, Nota ta' Informazzjoni tal-Eurydice, "Key Data on Early Childhood Education and Care in Europe" (Data Ewlenija dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal fl-Ewropa), 2019.

tindirizza l-firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet fost l-istudenti kollha billi ssaħħaħ il-parteċipazzjoni f'termini ta' tagħlim, valuri kulturali u snes ta' komunità; billi dawn is-servizzi jrid ikollhom riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex jidentifikaw u jappoġġjaw lit-tfal li jesperjenzaw diffikultajiet partikolari;

X. billi l-infiq fuq l-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-materjali u t-trasport tal-iskola, essenzjalment jitħallas mill-unitajiet domestiċi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi u jikkostitwixxi waħda mir-raġunijiet li t-tfal jitilqu mill-iskola; billi r-rata medja tal-UE ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola kienet ta' 10 %[23], iżda dan il-perċentwal huwa ogħla għal gruppi speċifiċi, bħat-tfal Rom u t-tfal b'diżabilità;

Y. billi fl-2021, 3,6 % tat-tfal fl-UE taħt is-16-il sena kellhom bżonnijiet mediċi mhux issodisfati u 4,4 % tat-tfal irrappurtaw diżabilità[24]; billi anke f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa minqux fil-liġi, l-inugwaljanzi għadhom jippersistu u ħafna familji ma għandhomx aċċess jew aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa adegwata u għandhom aċċess estremament limitat għal servizzi essenzjali bħal konsultazzjonijiet ma' infermiera u tobba tal-familja, appoġġ fil-qasam tas-saħħa mentali u psikosoċjali jew kura dentali, speċjalment minħabba servizzi pubbliċi mhux adegwati; billi tfal li jitwieldu f'sitwazzjoni ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali huma f'riskju akbar li jkollhom problemi tas-saħħa; billi d-disparità fl-UE bejn iż-żoni urbani u rurali u reġjuni aktar u anqas żviluppati għall-aċċess għal faċilitajiet u s-servizzi tas-saħħa ta' kwalità qed tikber[25];

Z. billi s-saħħa sesswali hija fundamentali għas-saħħa u l-benessri ġenerali tal-individwi, il-koppji u l-familji; billi bosta Stati Membri qed jipprovaw jillimitaw aktar l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati permezz ta' liġijiet restrittivi ħafna li jpoġġu f'riskju s-saħħa tan-nisa matul it-tqala u l-ħlas, kif ukoll is-saħħa tat-tfal;

AA. billi t-tilqim huwa l-għodda prinċipali għall-prevenzjoni ta' mard gravi, li jittieħed u, xi kultant, fatali; billi r-rati tat-tilqim kontra l-ħosba – indikatur tal-iskemi ta' tilqim ġenerali għat-tfal – naqsu f'14-il pajjiż tal-OECD minn 35[26];

AB. billi l-benessri tas-saħħa mentali għat-tfal huwa kruċjali, peress li jippermettilhom jilħqu stadji importanti ta' żvilupp, jitgħallmu modi biex jiffaċċjaw problemi u jiksbu ħiliet soċjali u emozzjonali; billi l-esperjenzi negattivi fit-tfulija, id-diskriminazzjoni, l-aċċess inadegwat għas-servizzi u l-ambjenti instabbli huma wħud mill-kawżi ewlenin tal-problemi tas-saħħa mentali li jiżviluppaw fit-tfulija bikrija; billi l-kriżijiet b'portata kbira bħall-pandemija tal-COVID-19 poġġew f'riskju s-saħħa mentali u l-benessri ta'

---

[23] Eurostat, "Early leavers from education and training" (Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ), 2023.
[24] Eurostat, 2023, "Health statistics - children" (Statistika dwar is-Saħħa - Tfal).
[25] Eurostat, 2022, "Urban-rural Europe – quality of life in rural areas" (Ewropa urbana-rurali – kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali);
L-iLibrerija tal-OECD, "Delivering Quality Education and Health Care to All: Preparing Regions for Demographic Change – Chapter 4.(Nipprovdu Edukazzjoni ta' Kwalità u l-Kura tas-Saħħa għal Kulħadd – Kapitolu 4). Delivering quality health services in rural communities', 5.3.2021 (L-għoti ta' servizzi tas-saħħa ta' kwalità fil-komunitajiet rurali).
[26] UNICEF (2020), "Innocenti Report Card 16. Worlds of Influence - Understanding What Shapes Child Well-being in Rich Countries" (Rapport Innocenti 16. Dinjiet ta' Impatti- Nifhmu xi jsawwar il-benessri tat-tfal fil-pajjiżi sinjuri), p. 4

ġenerazzjonijiet sħaħ ta' tfal; billi l-prevalenza ta' problemi ta' saħħa mentali hija tliet darbiet ogħla fost it-tfal li ġejjin minn familji b'introjtu baxx[27];

AC. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tenfasizza li t-treddigħ huwa wieħed mill-aktar modi effettivi biex jiġu żgurati s-saħħa u s-sopravivenza fit-tul tat-tfal u tirrakkomanda li t-trabi għandhom jitreddgħu esklussivament għall-ewwel sitt xhur ta' ħajjithom; billi, madankollu, fid-dinja, tnejn biss minn kull ħames trabi għandhom aċċess għat-treddigħ[28];

AD. billi t-tfal b'diżabilità u t-tfal imwielda lil ġenituri b'diżabilità xorta għadhom esposti għad-diskriminazzjoni u għall-ksur tad-drittijiet tagħhom permezz ta' ostakli persistenti fl-oqsma kollha tal-ħajja, b'mod partikolari aċċess inadegwat għall-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal, in-nutrizzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom u l-opportunitajiet biex jattendu u jipparteċipaw f'attivitajiet edukattivi inklużivi u nuqqas ta' inklużjoni fl-iskejjel standard, il-kura tas-saħħa u l-ispazji li ma jirrispondux b'mod adegwat għall-ħtiġijiet ta' mobbiltà u psikosoċjali tagħhom; billi dawn l-ostakli u n-nuqqas ta' servizzi ta' kura u appoġġ ta' kwalità aċċessibbli għal persuni b'diżabilità u għal persuni oħra li jeħtieġu kura u appoġġ jidhru b'mod partikolari biċ-ċar f'żminijiet ta' kriżijiet, u dan iwassal għal piż addizzjonali fuq il-persuni li jindukraw speċjalment lill-familji b'mod informali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa;

AE. billi l-faqar huwa indikatur importanti tar-riskju għad-dħul f'kura alternattiva peress li jżid il-vulnerabbiltà tat-tfal u tal-familji tagħhom u jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn il-ġenituri ma jkunux jistgħu jibqgħu jipprovdu kura adegwata għat-tfal tagħhom; billi madwar 345 000 tifel u tifla fl-UE għadhom jgħixu f'istituzzjonijiet[29] u 758 018 tifel u tifla kienu f'kura alternattiva fl-2021[30]; billi l-miżuri għall-protezzjoni tat-tfal, inkluża d-deistituzzjonalizzazzjoni huma essenzjali wkoll biex it-tfal jiksbu d-drittijiet tagħhom u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom; billi l-istituzzjonijiet jeħtieġu persunal kwalifikat biex jiżguraw opportunitajiet edukattivi ta' kwalità u biex jindirizzaw l-abbużi u l-isfruttament tat-tfal;

AF. billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza. billi r-riċerka turi li r-riskju ta' abbuż, vjolenza u negliġenza jiżdied f'każijiet ta' pressjonijiet finanzjarji fuq il-familji u nuqqas ta' servizzi soċjali adegwati;

AG. billi fl-Ewropa, tifel jew tifla minn kull ħamsa huwa/hija vittma ta' xi forma ta' abbuż jew vjolenza sesswali, u l-biċċa l-kbira tal-abbuż iseħħ fi ħdan familji jew istituzzjonijiet soċjali; billi t-tfal jirrappreżentaw madwar kwart tal-vittmi tat-traffikar

---

[27] Save the Children (2023) intitolat "Guaranteeing Children's Future – How COVID-19, cost-of-living and climate crises affect children in poverty and what governments in Europe need to do" (Niggarantixxu futur lit-Tfal – Kif il-COVID-19, l-għoli tal-ħajja u l-kriżijiet klimatiċi jaffettwaw lit-tfal li jgħixu fil-faqar u x'jeħtieġ jagħmlu l-gvernijiet fl-Ewropa),

[28] UNICEF, 2020, "Breastfeeding practices worldwide" (Prattiċi ta' treddigġ fid-dinja).

[29] Lerch, V u Severinsson, A.N., 2019, "Feasibility Study for a Child Guarantee: Target Group Discussion Paper on Children in Alternative Care" (Studju ta' Fattibbiltà għal Garanzija għat-Tfal: Karta ta' Diskussjoni tal-Grupp fil-Mira dwar it-Tfal f'Kura Alternattiva).

[30] UNICEF u Eurochild, Novembru 2021, "Children in alternative care: Comparable statistics to monitor progress on deinstitutionalisation across the European Union" (Tfal f'kura alternattiva: Statistika komparabbli għall-monitoraġġ tal-progress fil-qasam tad-deistituzzjonalizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha).

fl-UE, li l-maġġoranza tagħhom huma bniet maħtufa għall-finijiet ta' sfruttament sesswali[31].

AH. billi l-vjolenza u l-bullying mill-pari huma problema serja li tagħmel ħsara lir-relazzjonijiet fost it-tfal, speċjalment fl-iskejjel, u hija ta' detriment għas-saħħa mentali tat-tfal u taż-żgħażagħ; billi 23 % tal-istudenti rrappurtaw li sofrew fastidju fl-iskola mill-inqas darba fix-xahar[32];

AI. billi r-riskji ta' teknoloġiji diġitali pervażivi għas-saħħa u l-benessri tat-tfal u l-familji tagħhom ma għandhomx ikunu sottovalutati; billi t-tfal għandhom id-dritt li jiġu protetti mill-prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar tal-operaturi kummerċjali, inkluż fi spazji diġitali; billi d-disinn ta' prodotti u servizzi online attwali jesponi lit-tfal minn età bikrija għal kontenut online li jikkawża dipendenza; billi t-tfal ma għandhomx il-ħiliet u l-għarfien bażiċi meħtieġa biex jikkunsmaw l-informazzjoni b'mod sikur u affidabbli; billi dan għandu konsegwenzi fuq is-saħħa mentali tat-tfal, inklużi d-deprivazzjoni mill-irqad, l-ansjetà, id-dipressjoni, in-nuqqas ta' attenzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-iżvilupp tal-moħħ fit-tul; billi ż-żieda fl-użu tal-internet tista' tpoġġi lit-tfal f'riskju akbar ta' perikolu online bħall-isfruttament sesswali, l-istalking ċibernetiku u l-bullying ċibernetiku; billi terz tal-bniet u 20 % tas-subien iltaqgħu ma' kontenut inkwetanti darba fix-xahar fl-aħħar sena; billi 15 % tar-rispondenti LGBTQI+ bejn il-15 u s-17-il sena sofrew fastidju online minħabba l-orjentazzjoni sesswali jew il-ġeneru tagħhom[33];

AJ. billi wieħed biss minn kull erbat itfal iqisu li d-drittijiet tagħhom huma rispettati mis-soċjetà inġenerali[34]; billi t-tfal għandhom diffikultajiet biex jiksbu aċċess għall-ġustizzja, peress li l-istruttura tal-proċedimenti ġudizzjarji mhijiex adattata għall-ħtiġijiet tagħhom;

AK. billi 3,6 miljun tifel u tifla fil-kontinent Ewropew qed jaħdmu[35], prinċipalment fl-agrikoltura u l-kostruzzjoni; billi huwa essenzjali li jiġu adottati miżuri biex jinqered it-tħaddim tat-tfal fl-Unjoni Ewropea u biex jiġi evitat li jitfaċċaw każijiet ġodda ta' tħaddim tat-tfal, speċjalment fil-kuntest ta' kriżijiet;

AL. billi problemi ambjentali bħat-tniġġis, l-art ikkontaminata u l-ilma tax-xorb mhux sikur huma ta' theddida għas-saħħa tat-tfal kollha, b'impatt sproporzjonat fuq dawk li jgħixu fil-faqar u f'kundizzjonijiet vulnerabbli; billi d-dritt għal ambjent sigur, mingħajr periklu u nadif għat-tfal u d-dritt għal futur ħieles mit-tniġġis ambjentali u għall-protezzjoni mill-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima jistgħu jissaħħu minn implimentazzjoni aqwa li tieħu inkunsiderazzjoni t-tfal tal-acquis ambjentali fis-seħħ;

AM. billi l-logħob huwa l-mod naturali u l-aktar effettiv għat-tfal biex jitgħallmu dwarhom infushom u l-ambjent soċjali u naturali tagħhom u biex jesprimu ruħhom b'mod simboliku; billi dan jifforma bażi essenzjali għall-iżvilupp konjittiv u emozzjonali

[31] Il-Kummissjoni Ewropea: L-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, l-24 ta' Marzu 2021.
[32] L-OECD, "PISA 2018 Results: What School Life Means for Students' Lives" (Riżultati ta' PISA 2018: F'xi ssarraf il-ħajja fl-iskola għall-ħajjiet tal-istudenti"; bħala medja fil-pajjiżi tal-OECD.
[33] Il-Kummissjoni Ewropea, 2021: Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, p. 18
[34] Il-Kummissjoni Ewropea, 2021: Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, p.4
[35] Dan jirrappreżenta s-somma taċ-ċifri tal-Ewropa tat-Tramuntana, tan-Nofsinhar, tal-Punent u tal-Lvant: L-organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, 2021, tat-tfal: "Child labour statistical profile: Europe and Central Asia" (Il-profil statistiku dwar ix-xogħol tat-tfal: L-Ewropa u l-Asja Ċentrali).

tagħhom, l-awtonomija funzjonali tagħhom, id-drawwiet tal-istil ta' ħajja tagħhom, l-interazzjoni tagħhom ma' oħrajn u l-mod kif jiġġestixxu l-kunflitti; billi l-parteċipazzjoni tat-tfal fis-soċjetà, fil-ħajja kulturali, fir-rikreazzjoni, fid-divertiment u fl-isport tikkontribwixxi direttament għall-benesseri tagħhom u tgħinhom jirnexxu;

AN. billi r-restrizzjonijiet finanzjarji jfixklu l-parteċipazzjoni tat-tfal minn familji żvantaġġati fl-edukazzjoni mhux formali u fl-attivitajiet ekstrakurrikulari, u dan jamplifika l-inugwaljanzi soċjali fis-snin bikrin;

*Investiment fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi*

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti u jiżguraw investiment pubbliku sostenibbli u adegwat f'politiki li għandhom impatt dirett u indirett fuq il-ħajja tat-tfal billi jiggarantixxu servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja universali, inklużivi u affordabbli, bħall-kura, l-ECEC, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali, l-ilma u s-sanità, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, enerġija, trasport, ikel, attivitajiet kulturali u ta' divertiment, u aċċess faċli u mingħajr ħlas għal spazji ekoloġiċi, ikkomplementati minn soluzzjonijiet immirati effettivi, b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu, f'kull livell, il-mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sinifikanti, sikura u inklużiva tat-tfal, il-familji, il-persuni li jindukraw u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' dawn il-politiki; jisħaq fuq l-importanza ta' approċċ multisettorjali li fih il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jaħdmu fi sħubija biex jiżviluppaw strateġija integrata biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fit-tfulija permezz tal-prestazzjoni ta' servizzi fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal u tal-benesseri tal-familja, li għalihom l-investimenti strutturali u l-infiq pubbliku effikaċi, permess tal-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, huma l-aktar bżonjużi;

3. Jenfasizza li l-politiki ta' inklużjoni soċjali jridu jippermettu l-iżvilupp ġenerali tat-tfal u l-ilħuq tal-potenzjal ta' kull tifel u tifla fir-rigward tas-saħħa fiżika u l-benessri tagħhom, il-ħiliet soċjali tagħhom, l-iżvilupp emozzjonali tagħhom, il-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom, l-għarfien ġenerali tagħhom u l-iżvilupp konjittiv u lingwistiku tagħhom;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità ta' durata indeterminata u forom innovattivi ta' xogħol bi drittijiet tax-xogħol b'saħħithom, ibbażati fuq pagi diċenti u ekwi u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, li jiggarantixxu aċċess għall-protezzjoni soċjali, tax-xogħol u tas-saħħa, u negozjar kollettiv robust bħala mekkaniżmu kruċjali għar-rappreżentanza u d-difiża tad-drittijiet tal-ħaddiema; jemmen li dawn il-miżuri huma meħtieġa wkoll biex itejbu l-attraenza tal-professjonijiet fis-settur tal-kura u dak soċjali u biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas attwali ta' ħaddiema; jissottolinja l-importanza li jiġi garantit bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, fost l-oħrajn, permezz tal-liv tal-maternità, tal-paternità, tal-kura u tal-ġenituri, u arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, anki pereżempju l-opzjoni ta' ħin ta' xogħol imnaqqas;

5. Jisħaq li t-tfixkil fl-edukazzjoni matul il-kriżi tal-COVID-19 aggrava l-inugwaljanzi fit-tagħlim; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi addizzjonali ta' tagħlim

għal żmien qasir, bħal skejjel tas-sajf jew tutoraġġ, sabiex jitnaqqsu d-distakki attwali fit-tagħlim, immirati b'mod partikolari lejn tfal minn unitajiet domestiċi vulnerabbli; jistieden lill-Istati Membri jinkludu l-ħiliet diġitali fil-kurrikuli tal-istituzzjonijiet edukattivi kollha u jipprovdu t-taħriġ u t-tagħmir meħtieġa għall-għalliema u l-istudenti; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu d-drittijiet u l-protezzjoni tat-tfal fi żminijiet ta' kriżi, b'mod partikolari l-aċċess kontinwu għas-servizzi bażiċi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jivvalutaw l-effettività tal-miżuri adottati matul kriżijiet preċedenti sabiex iħejju firxa ta' miżuri li jistgħu jiġu attivati, imfassla apposta u mmirati f'każ ta' kriżijiet ġodda, fid-dawl tal-fatt li irriżulta li xi wħud mill-miżuri meħuda matul il-pandemija (bħax-xogħol mid-dar, it-tagħlim online u l-kura/konsulenza soċjali), għalkemm meħtieġa dak iż-żmien, kellhom impatt negattiv fuq il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali tat-tfal u l-familji tagħhom;

6. Jirrikonoxxi r-rwol kritiku tal-benefiċċji tal-familja u tat-tfal, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, fil-qafas ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali ekwi u inklużivi, li jeħtieġ li jiġu adattati għall-varjetà ta' arranġamenti tal-familja u jipprovdu aċċess f'waqtu għall-protezzjoni soċjali u appoġġ adegwat għal kulħadd, inkluż għat-tfal rifuġjati u migranti u l-familji tagħhom, skont il-prattiki tal-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar l-eliġibbiltà għall-benefiċċji soċjali, jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u jiffaċilitaw l-aċċess għalihom, sabiex jindirizzaw ir-rata baxxa ta' rikors għal dawn filwaqt li jiġġieldu l-istigma u l-isterjotipi dwar il-faqar;

7. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji tal-UE jieħdu vantaġġ mir-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 biex isaħħu u jagħmlu użu aħjar mill-FSE+, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, l-InvestEU, kif ukoll il-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), sabiex jissaħħu l-politiki strutturali u l-appoġġ soċjali għat-tfal u l-familji filwaqt li jqisu n-natura multisettorjali tal-faqar; itenni t-talbiet ripetuti tiegħu biex jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun għall-perjodu 2021-2027; jinsisti li dan il-baġit speċifiku jiġi integrat fil-QFP rivedut u l-FSE+ imsaħħaħ; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi r-riżorsi disponibbli kollha għall-implimentazzjoni b'mod effettiv tal-Garanzija għat-Tfal, inklużi l-FSE+, ir-ReactEU u l-RRF, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minnhom; jenfasizza li l-użu ta' dawn il-fondi għandu jkun trasparenti u jeħtieġ l-involviment tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni; itenni t-talba tiegħu li l-Istati Membri kollha għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE + għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jiġġieldu l-faqar fost it-tfal; jisħaq li dan il-limitu huwa biss minimu u li l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw proporzjon ogħla tal-FSE+ biex jiġġieldu l-faqar fost it-tfal;

8. Jisħaq li l-fondi tal-UE huma kumplessi biex jiġu ġestiti, u dan jagħmilhom inaċċessibbli għall-organizzazzjonijiet b'inqas riżorsi tekniċi; jenfasizza li proċeduri ta' ġestjoni aktar flessibbli u simplifikati u l-investiment f'assistenza teknika qrib fejn hija meħtieġa jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' azzjoni ta' persuni u numru akbar ta' organizzazzjonijiet li jappoġġjaw lit-tfal u liż-żgħażagħ; jissottolinja li skont

ir-Regolament FSE+[36], ir-rata ta' kofinanzjament biex jiġu appoġġjati l-persuni l-aktar fil-bżonn trid tkun ta' 90 %, li għandha tiffaċilita l-aċċess għal dan il-finanzjament għall-programmi u azzjonijiet imfassla biex jgħinu lil dawn il-popolazzjonijiet jaħarbu mill-faqar;

9. Jisħaq li l-politiki universali u fit-tul joffru protezzjoni aħjar kontra l-kawżi multipli tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, billi jipprovdu reazzjonijiet strutturali li jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jiġu ssupplimentati b'miżuri immirati ta' appoġġ immedjat, ta' darba jew temporanjament, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-awtonomija tal-familji u għall-issodisfar tal-ħtiġijiet tat-tfal tagħhom;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiddedikaw aktar attenzjoni għad-disponibbiltà ta' aċċess universali għas-servizzi pubbliċi fir-reġjuni remoti sabiex inaqqsu d-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u joffru aċċess ugwali għal edukazzjoni, infrastruttura u kura tas-saħħa ta' kwalità għat-tfal kollha;

11. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw leġiżlazzjoni li tipproteġi jew issaħħaħ id-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, ħalli jingħata lok għal bilanċ aktar effettiv bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u distribuzzjoni aktar ekwa tal-kura u x-xogħol tad-dar, ħalli n-nisa jkollhom il-possibbiltà li jirritornaw għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u ħalli jingħata lok għal ammont xieraq ta' żmien u faċilitajiet adegwati għat-treddigħ wara li jkunu rritornaw lura x-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw investimenti strutturali f'faċilitajiet mediċi faċilment aċċessibbli sabiex tissaħħaħ il-kwalità tal-kura ta' qabel it-twelid u ta' wara t-twelid; jenfasizza li t-tisħiħ ta' din il-leġiżlazzjoni għandu l-potenzjal li jagħti spinta qawwija lill-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi u d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' ġeneru;

12. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Kunsill jadottaha malajr; ifakkar li l-frammentazzjoni tad-drittijiet tal-ġenituri madwar l-UE tikkostitwixxi piż ekonomiku, legali u emozzjonali għat-tfal u għall-familji tagħhom u tikkontradixxi l-prinċipju tal-"aħjar interessi tat-tfal";

13. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza biex jappoġġjaw lill-familji u jiżguraw l-aċċess tat-tfal għall-ġustizzja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki u interventi tat-tfal iffokati fuq il-familja, filwaqt li jagħtu attenzjoni lill-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-familji, bħala element biex tissaħħaħ il-koeżjoni fis-soċjetà;

14. Jisħaq li l-esklużjoni soċjali u l-faqar fost it-tfal jirrikjedu l-adozzjoni ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja li jikkontribwixxi biex jitkisser iċ-ċiklu interġenerazzjonali tar-riskji tal-faqar u li jirrifletti l-ħtiġijiet differenti tat-tfulija bikrija, tat-tfulija primarja u tal-adolexxenza, billi jkejjel l-għadd ta' privazzjonijiet li kull tifel jew tifla jesperjenzaw simultanjament, u b'hekk jidentifika t-tfal l-aktar fil-bżonn u jkejjel mhux biss il-faqar monetarju iżda wkoll il-privazzjonijiet multidimensjonali; jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw it-tfal f'riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali affettwati mill-kriżi tal-

[36] Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

għoli tal-ħajja, inklużi t-tfal fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, sabiex jiġi żgurat l-aċċess effettiv u liberu tagħhom għal servizzi ewlenin ta' kwalità għolja, bħall-ECEC, l-edukazzjoni u l-attivitajiet ibbażati fl-iskejjel, il-kura tas-saħħa, kif ukoll għal ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola u aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata; jistieden lill-Kummissjoni tfassal, mingħajr dewmien, strateġija integrata fil-livell tal-UE kontra l-faqar;

15. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest taċ-ċikli annwali tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u soċjali, tirrakkomanda riformi biex jiġu promossi l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi permezz tat-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi u l-involviment tas-sħab soċjali, fil-livell Ewropew u fil-livelli nazzjonali u reġjonali, fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' riforma, rapporti tal-pajjiż u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; jappella għall-monitoraġġ tal-iżviluppi fl-indikaturi tal-faqar fost it-tfal, bħala parti mis-Semestru Ewropew, sabiex l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jiġu offruti informazzjoni adegwata biex jindirizzaw din il-problema; jisħaq, barra minn hekk, li t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi dgħajjef id-drittijiet soċjali u tax-xogħol f'xi Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investiment fid-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tal-kura professjonali bħala mezz biex inaqqsu l-piż minn fuq il-persuni li jindokraw b'mod informali u jiżguraw standards minimi ta' kwalità fil-kura; huwa tal-fehma li investiment insuffiċjenti fil-politiki tat-tfal jikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

16. Jiddispjaċih dwar il-livell baxx ta' ambizzjoni tal-miri għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jinnota li dan mhux se jkun suffiċjenti biex it-tfal vulnerabbli kollha jinħarġu mill-faqar; jisħaq li l-impatti tal-COVID-19, il-gwerra fl-Ukrajna u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja jirrikjedu għanijiet saħansitra aktar ambizzjużi; jiddispjaċih dwar il-fatt li 19-il Stat Membru biss stabbilew miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal li għandhom jintlaħqu sal-2030; jistieden lill-Istati Membri jadottaw miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal, bl-għan li jinqered;

17. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi introdott qafas ta' konverġenza soċjali fi ħdan is-Semestru Ewropew sabiex jiġu identifikati u kkoreġuti l-iżbilanċi soċjali filwaqt li jiġu vvalutati l-politiki għat-tfal u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-EPRS, inkluża sistema ta' tabella ta' valutazzjoni; jappella sabiex l-eżitu tal-eżerċizzju tal-qafas ta' konverġenza soċjali jiġi rifless fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

*Politiki pubbliċi b'saħħithom biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi*

18. Jisħaq, fid-dawl tad-diffikultajiet fl-aċċess għall-ECEC madwar l-Unjoni, fuq il-ħtieġa ta' aktar investiment f'servizzi tal-ECEC inklużivi u ta' kwalità għolja, mingħajr ma jiġu ttraskurati t-tfal ta' bejn 0-3 snin u t-tfal minn familji ekonomikament u soċjalment żvantaġġati, biex b'hekk jinħoloq jew jissaħħaħ rispons pubbliku u universali mill-bidu nett tal-proċess tal-edukazzjoni u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi u aċċess ugwali għall-edukazzjoni għal kull persuna; jisħaq li jrid ikun hemm numru suffiċjenti ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal li jkunu aċċessibbli b'mod ugwali fl-UE kollha; jiddispjaċih dwar it-tnaqqis fil-grad min-naħa tal-Kunsill tal-proposta tal-Kummissjoni

biex jiġi żgurat li mill-anqas 50 % tat-tfal taħt it-tliet snin ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-ECEC, għal 45 %;

19. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-ECEC permezz ta' riżorsi finanzjarji u umani adegwati u taħriġ pedagoġiku xieraq tal-persunal b'għarfien dwar il-psikoloġija tat-tfal u l-kronobijoloġija tat-tfal sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ġenerali tat-tfal; jisħaq li, sabiex jingħata lok għal dan it-titjib, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li dawn il-membri tal-persunal ikollhom pagi deċenti u opportunitajiet għall-iżvilupp tal-karriera;

20. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi tal-ECEC, pereżempju, billi jinfurmaw lill-ġenituri dwar il-postijiet disponibbli jew jassistu lill-familji vulnerabbli bil-proċeduri amministrattivi, u jadattaw dawn is-servizzi għar-realtajiet tas-suq tax-xogħol; ifakkar fid-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw aċċess universali għas-servizzi pubbliċi tal-kura tat-tfal; jinnota li meta dan l-aċċess ma jkunx suffiċjenti, il-faċilitajiet privati, domestiċi u kooperattivi għandhom ikunu jistgħu jikkomplementaw is-servizzi pubbliċi tal-ECEC, dment li dawn ikunu jissodisfaw b'mod integrali l-istess standards ta' kwalità għall-iżvilupp ġenerali tat-tfal;

21. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li t-tfal kollha jkollhom aċċess għal edukazzjoni formali u mhux formali, pubblika, inklużiva u ta' kwalità għolja, inklużi attivitajiet ekstrakurrikulari fl-etajiet kollha, li jrawmu l-iżvilupp emozzjonali, soċjali, konjittiv u fiżiku tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proporzjonijiet xierqa bejn l-għalliema u l-istudenti, b'disinn ibbażat fuq il-ħtiġijiet, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sikurezza u l-benesseri tat-tfal, jimmassimizzaw l-impatt tas-sistemi edukattivi fil-ħolqien ta' opportunitajiet indaqs u jkissru ċ-ċikli interġenerazzjonali ta' esklużjoni;

22. Jenfasizza l-importanza tal-investimenti f'edukazzjoni pubblika u mingħajr ħlas li tiżgura approċċ individwalizzat għat-tfal li jappartjenu għal gruppi soċjali aktar vulnerabbli; jisħaq li tali approċċ għandu jiġi żviluppat f'kollaborazzjoni bejn l-għalliema, l-ispeċjalisti soċjali u edukattivi, il-familji u l-komunitajiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu s-segregazzjoni fl-iskejjel u jiżviluppaw politiki, strateġiji u għodod biex isir progress fl-edukazzjoni inklużiva; jinnota li f'sitwazzjonijiet limitati u speċifiċi ħafna, bħal f'każijiet ta' diżabilità severa, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu offruti klassijiet jew skejjel speċjalizzati lit-tfal, filwaqt li jenfasizza li dawn għandhom ikunu miżuri tal-aħħar istanza minħabba r-riskju ta' diskriminazzjoni u esklużjoni li jġibu magħhom il-klassijiet jew l-iskejjel speċjalizzati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw b'mod speċifiku l-aċċess għal edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għolja għall-persuni kollha b'diżabilità sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jaffettwawhom;

23. Jenfasizza l-esperjenza ta' xi Stati Membri li jiżguraw li l-kotba tal-iskola u l-materjali tat-tagħlim, kif ukoll it-trasport fl-iskejjel u l-ikliet tajbin għas-saħħa, il-ħarġiet edukattivi u kulturali u s-superviżjoni, jiġu pprovduti mingħajr ħlas; jirrakkomanda li din is-sistema tiġi estiża għall-Istati Membri kollha bħala mezz biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-edukazzjoni u bħala mezz importanti ta' appoġġ finanzjarju għall-familji l-aktar vulnerabbli; jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar dawn l-esperjenzi u l-programmi; jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu aċċess għal ikliet tal-iskola b'xejn u tajbin għas-saħħa mill-inqas għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli,

mingħajr stigmatizzazzjoni jew diskriminazzjoni diretta jew indiretta; jisħaq li t-tfal fil-bżonn għandhom jirċievu wkoll l-ekwivalenti ta' ikla b'xejn fil-jiem meta ma jkunux l-iskola;

24. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess universali għall-kura tas-saħħa materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika pubblika, affordabbli u ta' kwalità, inklużi l-prevenzjoni primarja, il-programmi ta' immunizzazzjoni u l-kura primarja, l-aċċess għad-dijanjożi, it-trattament u r-riabilitazzjoni u l-aċċess għall-aktar firxa varjata ta' trattament mediku u terapewtiku speċjalizzat, filwaqt li jiggarantixxu lin-nisa d-dritt għas-saħħa sesswali u riproduttiva, il-kura tal-maternità u ż-żjarat fid-djar fil-perjodu tal-kura ta' qabel u wara t-twelid u filwaqt li jiżguraw aċċess għal tobba tal-familja, infermiera, dentisti, nutrizzjonisti, terapista tat-taħdit u tal-lingwa, oftalmoloġisti, servizzi ta' konsulenza tal-familja u psikologi u speċjalisti oħra tas-saħħa mentali, irrispettivament mill-istatus etniku, soċjali jew amministrattiv tal-ġenituri; jenfasizza l-valur tal-vaċċinazzjoni tat-tfal u l-ħtieġa li jiġu miġġielda l-punti ċentrali ta' miżinformazzjoni fir-rigward tal-benefiċċji tal-vaċċinazzjoni; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas persistenti ta' mediċini għat-tfal u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw produzzjoni u ħażna suffiċjenti ta' mediċini ġenerali pedjatriċi importanti;

25. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sħubijiet bejn is-servizzi tal-edukazzjoni, tas-saħħa u dawk soċjali sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-kura u l-appoġġ għat-tfal li jeħtiġuha, pereżempju, fil-forniment ta' testijiet sistematiċi tas-smigħ u tal-vista għat-tfal direttament fl-iskola; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni f'diversi servizzi soċjali, edukattivi u tas-saħħa rigward il-ħtiġijiet ta' żvilupp tat-tfal bil-qbil minn qabel tal-ġenituri tagħhom, filwaqt li jiżguraw ir-rispett għad-dritt għall-privatezza tat-tfal u l-familji tagħhom u l-aħjar interessi tat-tfal;

26. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu, jiffinanzjaw u jimplimentaw kif xieraq strateġiji nazzjonali biex jiżguraw li t-tfal u l-familji tagħhom ikollhom aċċess għal ikel tajjeb għas-saħħa u affordabbli; ifakkar li l-persistenza ta' aċċess limitat għal ikel frisk, affordabbli u tajjeb għas-saħħa iżid il-problemi tas-saħħa, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx u l-persuni vulnerabbli li jgħixu f'żoni mhux konnessi u moqdija tajjeb; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu l-ikel tajjeb għas-saħħa fl-istrateġiji tas-saħħa pubblika tagħhom billi jinkoraġġixxu d-diversifikazzjoni tad-dieta u, meta jkun meħtieġ, is-supplimenti alimentari, sabiex jipproteġu lit-tfal mill-effetti negattivi tal-malnutrizzjoni jew id-denutrizzjoni; jappella għal azzjonijiet li jinċentivaw id-disponibbiltà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u affordabbli filwaqt li jiskoraġġixxu l-konsum ta' ikel u xorb b'livell għoli ta' zokkor u li jħaxxnu mit-tfal u l-adolexxenti;

27. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw u jsaħħu l-kooperazzjoni bla xkiel u l-appoġġ finanzjarju adegwat għall-organizzazzjonijiet nongovernattivi ddedikati għall-għajnuna alimentari, u jsaħħu wkoll il-kooperazzjoni mal-istrutturi rilevanti fis-setturi pubbliċi u privati sabiex l-impatti ekonomiċi tal-kriżi jiġu mmirati b'mod aktar effiċjenti u biex jiġu appoġġjati aħjar il-familji affettwati; jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata attenzjoni urġenti lill-kriżi attwali tal-għajnuna alimentari li qed jiffaċċjaw kemm l-istrutturi rilevanti kif ukoll il-familji ekonomikament vulnerabbli u wliedhom; jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw għarfien u esperjenza dwar l-appoġġ għall-impjiegi tal-ġenituri permezz tal-Programm ta' Tagħlim Reċiproku tal-UE;

28. Jemmen li t-taqbidiet psikoloġiċi li jirriżultaw mill-faqar u l-esklużjoni soċjali ma tqisux biżżejjed fl-istrateġija tal-Kummissjoni dwar is-saħħa mentali u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-familji f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' appoġġ għas-saħħa mentali u psikosoċjali u servizzi soċjali individwalizzati u mfassla apposta;

29. Jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2022 bit-titolu "Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal" u jappella għal politika globali mmirata lejn il-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal mill-esponiment żejjed għal kontenut online u l-konsum żejjed ta' kontenut online;

30. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv it-treddigħ, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO;

31. Jilqa' l-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021–2030 bħala mod konkret biex jiġu żgurati d-drittijiet ugwali tal-persuni b'diżabilità u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li d-diżabilitajiet jitqiesu kif xieraq fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-inizjattivi tal-UE, speċjalment l-ostakli u l-isfidi li jiffaċċjaw it-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-proposta tagħha[37] għal qafas għas-servizzi soċjali ta' eċċellenza għall-persuni b'diżabilità u tiżgura li dan il-qafas itejjeb ukoll l-aċċess għat-tfal b'diżabilità u t-tfal b'ġenituri b'diżabilità għas-servizzi soċjali ta' eċċellenza; jenfasizza li t-tfal li jeħtieġu l-kura u dawk b'diżabilità u/jew disturbi konjittivi jeħtieġu miżuri speċifiċi u mmirati, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi, kif ukoll servizzi edukattivi u ta' kura speċjali sabiex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u n-nuqqas ta' integrazzjoni soċjali;

32. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri speċifiċi biex jappoġġjaw lill-ġenituri b'diżabilità u lill-ġenituri ta' tfal b'diżabilità u jiżguraw informazzjoni aċċessibbli dwar l-appoġġ disponibbli għalihom; jirrikonoxxi l-benefiċċji ta' intervent fit-tfulija bikrija ffukat fuq il-familja u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegrawh fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, bħall-politiki għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-persuni b'diżabilità, u jrawmu skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar dan; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkorporaw il-perspettiva tad-diżabilità u jikkonsultaw b'mod sinifikanti lill-persuni b'diżabilità u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom meta jippjanaw azzjonijiet li jiżguraw standard ta' għajxien adegwat u protezzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżijiet u tranżizzjonijiet;

33. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-effikaċja tas-servizzi soċjali u tal-protezzjoni soċjali, inkluż billi jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u jinvestu fl-iżvilupp professjonali tagħhom permezz ta' opportunitajiet ta' taħriġ kontinwu, u jiżguraw ukoll pagi adegwati u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;

34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-aktar użu wiesa' possibbli mill-Garanzija Ewropea għat-Tfal bħala rispons soċjali li jiffaċilita l-integrazzjoni soċjali u l-inklużjoni tat-tfal u l-familji li jbatu mill-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod

[37] Il-Kummissjoni Ewropea, Mejju 2022, "Check progress on the Strategy for the Rights of Persons with Disabilities" (Ara l-progress fir-rigward tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità).

partikolari dawk minn gruppi fil-mira identifikati u li jinsabu fl-aktar żoni remoti; jisħaq li huwa evidenti b'mod ċar li l-fondi disponibbli huma insuffiċjenti biex jindirizzaw il-problemi strutturali eżistenti, li ġew aggravati mill-effett kumulattiv tal-kriżijiet suċċessivi u n-nuqqas ta' investiment pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-investiment u jsaħħu s-sistemi tal-protezzjoni tat-tfal u s-servizzi tal-protezzjoni soċjali, filwaqt li jippermettu l-implimentazzjoni bil-ħeffa tal-Garanzija għat-Tfal fil-kuntest ta' kriżijiet ġodda u l-għadd dejjem jikber[38] ta' tfal fil-bżonn;

35. Itenni t-talba tiegħu lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma ppubblikawx il-pjan ta' azzjoni nazzjonali tagħhom fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal biex jagħmlu dan, sabiex it-tfal fil-bżonn ikunu jistgħu jibbenefikaw minnu mingħajr dewmien; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jaġġornaw b'mod regolari l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom, jissodisfaw l-impenn politiku tagħhom b'azzjonijiet ambizzjużi komprensivi u jdaħħlu fis-seħħ sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, billi jistabbilixxu metriċi ċari, multisettorjali u komparabbli, jinvestu fil-ġbir ta' data effiċjenti u effettiv u miri aktar speċifiċi u jirriflettu l-objettivi tal-Garanzija għat-Tfal; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw koerenza u sinerġiji bejn il-Garanzija Ewropea għat-Tfal bħala strateġija kontra l-faqar u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ Imsaħħa bħala politika attiva tas-suq tax-xogħol, sabiex ikopru l-firxa sħiħa tal-età mit-twelid sal-età adulta;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ soċjali mmirat speċifikament lejn il-ġenituri qiegħda jew maqbuda fil-faqar fost dawk li jaħdmu, b'mod partikolari permezz ta' introjtu minimu garantit; jistieden lill-Kummissjoni biex, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, tipproponi direttiva qafas dwar l-introjtu minimu li tistabbilixxi standards u metodoloġiji minimi komuni biex jiġu ggarantiti skemi ta' introjtu minimu aċċessibbli, abilitanti u adegwati;

37. Jenfasizza d-dritt għal akkomodazzjoni komda, affordabbli, inklużiva, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u ta' kwalità li taqdi l-ħtiġijiet tat-tfal u l-familji tagħhom u tiżgura l-benesseri, il-privatezza u l-kwalità tal-ħajja tagħhom; jiddeplora l-politiki tal-akkomodazzjoni li qed jimbuttaw lill-familji barra mill-bliet f'diversi Stati Membri, li qed ifixklu l-mekkaniżmi ta' soċjabbiltà u li qed idgħajfu n-networks ta' appoġġ primarju, u li b'hekk qed iżidu l-esklużjoni tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu politika ta' akkomodazzjoni pubblika li tindirizza l-ispekulazzjoni tal-proprjetà, jinvestu f'akkomodazzjoni soċjali u sostenibbli u jiggarantixxu d-dritt għal tali akkomodazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ambizzjuż biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-UE, tappoġġja l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni soċjali filwaqt li tagħmel is-sussidji għall-akkomodazzjoni aktar aċċessibbli u teqred il-problema ta' persuni mingħajr dar sal-2030 permezz ta' strateġiji preventivi u mmexxija mill-akkomodazzjoni; ifakkar li d-deterjorament tal-istokk ta' akkomodazzjoni – li jaffettwa l-effiċjenza enerġetika – u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jħallu lit-tfal u l-familji tagħhom vulnerabbli;

[38] Save the Children Europe, 2023, "Guaranteeing Children's Future: How COVID-19, cost-of-living and climate crises affect children in poverty and what governments in Europe need to do" (Niggarantixxu Futur lit-Tfal – Kif il-COVID-19, l-għoli tal-ħajja u l-kriżijiet klimatiċi jaffettwaw lit-tfal li jgħixu fil-faqar u x'jeħtieġ jagħmlu l-gvernijiet fl-Ewropa).

38. Jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw l-impatt tal-inflazzjoni u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja fuq id-diversi gruppi soċjoekonomiċi sabiex jiżviluppaw miżuri mmirati għall-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, speċifikament fir-rigward tal-ikel, l-enerġija, it-trasport, il-konnettività tal-internet u oġġetti essenzjali oħra, filwaqt li jqisu approċċ sensittiv għat-tfal u għall-ġeneru, sabiex inaqqsu l-impatt taż-żieda fl-għoli tal-ħajja fuq it-tfal u l-familji tagħhom u jiġġieldu dan l-impatt finanzjarjament; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri mmirati biex jindirizzaw dawn l-impatti u jiffaċilitaw l-aġġustament tal-pagi u l-benefiċċji soċjali bi qbil mal-inflazzjoni;

*Indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali*

39. Jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza, abbuż, sfruttament u negliġenza, inkluż online, fir-rigward tat-tfal, kif ukoll il-vjolenza kontra n-nisa, il-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw, isaħħu u jimplimentaw sistemi integrati ta' prevenzjoni u protezzjoni għat-tfal u vittmi oħra bl-għan li jeqirdu l-vjolenza, l-abbuż, l-isfruttament u n-negliġenza; jissottolinja li dawn is-sistemi għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mas-servizzi pubbliċi rilevanti kollha (inklużi l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tas-saħħa), b'tali mod li jingħata lok għal rispons rapidu li jipproteġi u jagħti s-setgħa lit-tfal u jippromwovi l-aħjar interessi tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-vjolenza fost it-tfal, inklużi l-vjolenza ċibernetika u l-bullying, u jiskambjaw ukoll l-aħjar prattiki f'dak il-qasam, sabiex jiġu żviluppati risponsi effiċjenti biex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi fuq it-tfal;

40. Jikkundanna l-forom kollha ta' diskriminazzjoni; jisħaq li d-diskriminazzjoni għandha riperkussjoni diretta għat-tfal u l-familji tagħhom peress li xxekkel l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol, l-akkomodazzjoni u s-servizzi essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu sensibilizzazzjoni tal-pubbliku sabiex itemmu l-istigmatizzazzjoni, l-istereotipar u l-esklużjoni soċjali tat-tfal u tal-familji f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, ħalli n-nies jifhmu li l-familji jista' ma jkollhom l-ebda kontroll fuq iċ-ċirkostanzi li jagħmluhom vulnerabbli;

41. Jiddeplora l-fatt li ċ-ċiklu tal-faqar fil-familji Rom spiss iwassal biex it-tfal Rom ikunu sovrarappreżentati fl-istituzzjonijiet tal-protezzjoni soċjali meta mqabbla mat-tfal mhux Rom; jenfasizza l-fatt li t-tfal Rom u l-familji tagħhom spiss ikunu l-ewwel li jsofru fi żminijiet ta' kriżi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċifika fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal għall-isfidi uniċi li jiffaċċjaw it-tfal Rom, li spiss jesperjenzaw faqar estrem, esklużjoni u diskriminazzjoni fl-isferi kollha tal-ħajja; jistieden lill-Istati Membri jipprijoritizzaw miżuri effettivi u azzjonijiet speċifiċi għat-titjib tal-istatus tal-familja u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, is-saħħa u l-benesseri tat-tfal u t-tagħlim bikri u għat-trawwim ta' trobbija tat-tfal reattiva fl-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom;

42. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir investiment fl-appoġġ u s-segwitu għat-tfal rifuġjati u migranti, speċjalment dawk minorenni mhux akkumpanjati u t-tfal apolidi u l-familji tagħhom, u li jiġu żgurati persuni li jindukraw suffiċjenti u kwalifikati, u komunitajiet ta' akkoljenza u faċilitajiet ta' ospitalità ta' kwalità, sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tat-tfal u l-familji tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-politiki u d-deċiżjonijiet kollha kkonċernati jkunu allinjati mal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal; jirrakkomanda li l-proċess ta' inklużjoni għat-tfal mhux

akkumpanjati u ż-żgħażagħ li jkunu qed ifittxu l-ażil jimminimizza l-użu tal-istituzzjonalizzazzjoni;

43. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw politiki soċjali proattivi biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-istituzzjonalizzazzjoni tat-tfal, filwaqt li jiżguraw li t-tfal ma jiġux istituzzjonalizzati minħabba l-faqar u l-esklużjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonalizzazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ isseħħ biss bħala l-aħħar għażla u jinvestu fit-tqegħid tat-tfal u ż-żgħażagħ f'sistemi ta' kura alternattiva sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-familja u fil-komunità, b'rispett sħiħ tal-obbligi minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u strumenti ewlenin oħra tad-drittijiet tal-bniedem;

44. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċifika lill-problemi tat-tħaddim tat-tfal fl-Ewropa u jevalwaw l-impatt potenzjali fuq it-tħaddim tat-tfal ikkawżat mit-tnaqqis baġitarju fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll fil-politiki soċjali u l-appoġġ għall-familji; jilqa', f'dan is-sens, ir-rakkomandazzjonijiet[39] biex jinqerdu l-kawżi tat-tħaddim tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu li l-ispettorati tax-xogħol ikollhom riżorsi adegwati biex jiġbru d-data, jimmonitorjaw it-tħaddim tat-tfal u jwettqu azzjonijiet preventivi u ta' rimedju;

45. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jipparteċipaw b'mod attiv fil-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal għal kwalunkwe forma ta' sfruttament, inkluż ix-xogħol, iż-żwieġ furzat, l-adozzjoni illegali, l-attivitajiet illegali u l-isfruttament sesswali;

***Id-dritt ta' kull tifel u tifla għal ambjent nadif, tajjeb għas-saħħa u sostenibbli, parteċipazzjoni u logħob***

46. Jenfasizza l-fatt li t-tniġġis ambjentali u t-tibdil fil-klima għandhom impatt sproporzjonat fuq gruppi b'introjtu aktar baxx u li sussegwentement hemm inċidenza ogħla ta' problemi relatati mas-saħħa, stennija tal-għomor aktar baxxa u anqas opportunitajiet tal-ħajja għat-tfal; jenfasizza l-importanza li l-faċilitajiet tal-għajxien, tal-kura u tal-edukazzjoni jiġu adattati għall-emerġenzi klimatiċi u li jiġi integrat approċċ sensittiv għat-tfal għal din il-problema, inkluż l-involviment ta' dawn il-faċilitajiet f'attivitajiet relatati u l-kisba tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni klimatika; jistieden lill-Istati Membri jqisu dan ta' hawn fuq meta jfasslu l-pjanijiet tagħhom ta' adattament u mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima, billi jinkludu soluzzjonijiet speċifiċi għat-tfal u ż-żgħażagħ, jiżguraw li d-dritt għal ambjent sikur, sigur u nadif jiġi rispettat u jiżguraw sensibilizzazzjoni fost il-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar;

47. Jisħaq fuq id-dritt għall-kultura, l-isport u d-divertiment u għal aċċess għal spazji miftuħa u ambjent tajjeb għas-saħħa għat-tfal kollha, kif stabbilit fl-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu attivitajiet ekstrakurrikulari u ta' divertiment xierqa li jippermettu lit-tfal kollha, irrispettivament mill-isfond soċjoekonomiku u s-sitwazzjoni tal-familja tagħhom, iqattgħu l-ħin tagħhom wara l-iskola u matul il-vaganzi jagħmlu xi ħaġa li tistimula fiżikament u mentalment; iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-fondi Ewropej disponibbli biex jippromwovu l-

[39] ILO–UNICEF, 2021, "Child Labour: Global estimates 2020, trends and the road forward" (It-tħaddim tat-tfal: Estimi globali għall-2020, xejriet u t-triq 'il quddiem).

parteċipazzjoni ugwali tat-tfal minn unitajiet domestiċi żvantaġġati f'attivitajiet ekstrakurrikulari u ta' divertiment; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu politiki li jagħtu s-setgħa lill-ġenituri biex jappoġġjaw lil uliedhom barra mill-ambjent tal-kura tat-tfal matul it-tfulija tagħhom, b'mod partikolari matul it-tfulija bikrija;

48. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija msaħħa tal-UE għall-isport li tħeġġeġ lit-tfal u liż-żgħażagħ jipparteċipaw fl-isport u fl-edukazzjoni fiżika, irrispettivament mill-isfond soċjoekonomiku tagħhom, u t-tgawdija tal-ambjent fil-beraħ irrispettivament mill-età u l-livell ta' saħħa fiżika tagħhom; jisħaq fuq ir-rwol ċentrali tal-isport fit-titjib tar-reżiljenza tas-saħħa tat-tfal u fil-prevenzjoni tal-mard kroniku; itenni li l-isport f'tim huwa mutur tal-inklużjoni soċjali;

49. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw linji gwida biex jappoġġjaw il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-proċess tat-tfassil tal-politika, billi jistabbilixxu mekkaniżmi li jippromwovu l-parteċipazzjoni tat-tfal fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwawlhom ħajjithom, u jippermettu u jħeġġu lit-tfal jesprimu fehmiet infurmati, filwaqt li jiżguraw li dawk il-fehmiet jiġu riflessi fid-deċiżjonijiet ewlenin li jaffettwawhom;

50. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-politiki tagħhom għat-tfal jew il-politiki li għandhom impatt fuq it-tfal, jenfasizzaw id-dritt għal-logħob u l-attività rikreazzjonali bħala element strutturali tal-iżvilupp kumplessiv tat-tfal billi jistabbilixxu infrastruttura u programmi li jirriflettu l-importanza ta' dak id-dritt;

°

° °

51. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

L-iżvilupp sħiħ tat-tfal, li jiżgura li jikbru f'saħħithom, kurjużi, proattivi u jirrispettaw id-dinja li jgħixu fiha, huwa essenzjali biex jiġi żgurat futur aktar ġust, ugwali u avvanzat. L-Istati Membri huma responsabbli għat-tfassil ta' politiki universali u strutturali li jiggarantixxu dan, u l-Unjoni Ewropea tista' tikkontribwixxi, b'mod partikolari billi tqassam mill-ġdid il-fondi li jippromovu l-koeżjoni territorjali u soċjali, kif ukoll billi tiddefinixxi programmi speċifiċi li jistgħu jikkontribwixxu għal reazzjonijiet soċjali komprensivi.

Politiki li jsaħħu l-investiment fl-edukazzjoni universali, pubblika u ta' kwalità, kif ukoll fis-servizzi tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali. Politiki li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fl-isport u l-edukazzjoni fiżika, it-tgawdija tal-ambjent fil-beraħ u l-aċċess għall-kultura. Politiki li jippromwovu l-parteċipazzjoni tat-tfal u l-iskemi taċ-ċittadinanza tat-tfal u ż-żgħażagħ. Politiki li jiggarantixxu reazzjonijiet adegwati għall-vjolenza. Politiki li jiżguraw akkomodazzjoni komda. Politiki li jikkontribwixxu għal ambjent sostenibbli. Politiki li jiffukaw fuq id-dritt inaljenabbli tat-tfal li jilagħbu.

L-ewwel snin tal-ħajja għandhom impatt deċiżiv fuq l-iżvilupp integrali tat-tfal, peress li jiżviluppaw ħiliet essenzjali f'dawn is-snin bikrin.

Huwa essenzjali li tiġi żgurata kura b'xejn matul il-jum, ibbażata fuq network pubbliku, għat-tfal kollha taħt l-età ta' tliet snin, u b'hekk tintemm id-diskriminazzjoni kkawżata mid-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom ħafna familji biex isibu kura tat-tfal, u li jġegħluhom jagħżlu soluzzjonijiet prekarji. Huwa ugwalment essenzjali li t-tfal kollha mill-età ta' tliet snin jingħataw aċċess b'xejn għall-iskola preprimarja. Is-sistemi edukattivi, fil-livelli kollha, għandhom jippromwovu kultura universali ffukata fuq l-iżvilupp integrali tal-individwi.

Anke fl-Istati Membri fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, ħafna tfal ma għandhomx aċċess għal kura tas-saħħa adegwata minħabba nuqqas ta' servizzi pubbliċi disponibbli. Huwa meħtieġ investiment f'servizzi tas-saħħa pubblika universali u mingħajr ħlas li jiggarantixxu kura tas-saħħa pubblika tat-tfal fl-ispeċjalitajiet kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha.

F'dawn l-aħħar snin, ir-rati ta' vaċċinazzjoni kienu qed jonqsu, u dan qed jipperikola d-difiża ewlenija kontra mard serju, u min-naħa tiegħu kkontribwixxa għaż-żieda mill-ġdid ta' mard meqjus li ġie eradikat fl-UE. Għandhom jiġu promossi kampanji biex jiġu miġġielda n-negattività u l-miżinformazzjoni dwar il-vaċċini.

It-treddigħ għandu benefiċċji enormi għat-tkabbir b'saħħtu tat-tfal u għall-ommijiet. Huma meħtieġa politiki biex jippromwovu u jagħmlu t-treddigħ possibbli mit-twelid u għall-ewwel sitt xhur, kif rakkomandat mid-WHO, inkluż billi jiġu previsti liv tal-maternità u drittijiet assoċjati meta n-nisa jirritornaw għax-xogħol.

Jeħtieġ li s-sistemi pubbliċi tas-sigurtà soċjali jissaħħu sabiex tiġi ggarantita l-universalità tal-allowances tal-familja u allowances oħra (kemm jekk miżjuda mill-Garanzija għat-Tfal kif ukoll jekk le) li jissupplimentaw l-introjtu tal-familja, bħall-benefiċċji tal-paga minima,

speċjalment fil-każ ta' familji bit-tfal.

Fl-Ewropa, tifel minn kull ħamsa huwa vittma ta' xi forma ta' vjolenza sesswali, u l-biċċa l-kbira tal-abbuż iseħħ f'qafas ipotetiku ta' fiduċja, bħal fi ħdan familji jew istituzzjonijiet relatati. It-tfal jirrappreżentaw madwar kwart tal-vittmi tat-traffikar fl-UE, li l-maġġoranza tagħhom huma bniet, u li huma vittmi ta' sfruttament sesswali.

It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza, it-theddid tat-tfal u n-negliġenza. Ir-riċerka turi li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u n-nuqqas ta' investiment fis-servizzi pubbliċi jpoġġu lit-tfal f'riskju akbar.

Hemm bżonn ta' politiki biex tiġi indirizzata l-problema strutturali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Fl-UE, kważi 25 % tat-tfal jinsabu f'riskju. It-tfal li jikbru fil-faqar jew bħala vittmi tal-esklużjoni soċjali jsibuha aktar diffiċli biex jirnexxu fl-iskola, biex jibqgħu b'saħħithom u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja, u dan għaldaqstant jipperpetwa ċ-ċiklu tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Diversi organizzazzjonijiet iwaħħlu fl-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (tnaqqis sinifikanti tal-appoġġ soċjali għat-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad u użu massiv ta' kuntratti prekarji, żieda fit-taxxi) bħala l-kawża ewlenija taż-żieda fil-faqar, filwaqt li jiddikjaraw li t-tnaqqis fil-baġit b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja tal-2008-2013 żied l-inugwaljanzi u kkontribwixxa biex il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal imorru għall-agħar, u li dawn il-fatturi ġew aggravati minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-inflazzjoni sussegwenti u l-eskalazzjoni tal-gwerra fl-Ewropa tal-Lvant.

Il-faqar fost it-tfal huwa fenomenu multidimensjonali li jirriżulta mill-faqar tal-familja u għalhekk jeħtieġ rispons multidimensjonali, li neċessarjament jinkludi żieda fl-impjiegi u fis-sigurtà tagħhom, żieda fil-pagi u investiment fis-servizzi pubbliċi.
Biex it-tfal ikollhom drittijiet, il-ġenituri jrid ikollhom drittijiet ukoll. Mhumiex biss il-ġenituri li għandhom id-dritt li jakkumpanjaw lil uliedhom huma u jikbru, it-tfal għandhom dritt għal dan ukoll. Ma jista' jkun hemm l-ebda diskussjoni dwar id-drittijiet tat-tfal mingħajr ma jkun hemm diskussjoni dwar is-salarji, is-sigħat tax-xogħol u l-istabbiltà tal-impjieg tal-ġenituri tagħhom. Dan jista' jinkludi, b'mod partikolari, il-ħidma biex jintemmu l-kuntratti tax-xogħol prekarji, is-sigħat tax-xogħol mhux regolati, ix-xogħol imħallas ħażin, il-pagi baxxi, id-diskriminazzjoni fil-pagi, kif ukoll l-ispejjeż għoljin tal-akkomodazzjoni, tat-trasport, tal-kura tat-tfal, tal-edukazzjoni u tal-ispejjeż tas-saħħa, li jammontaw għal proporzjon konsiderevoli tal-introjtu tal-familji li jaħdmu.

Il-familji bi tfal b'diżabilità u l-ġenituri b'diżabilità huma aktar probabbli li jidħlu fil-faqar u jiffaċċjaw diffikultajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Ħadd ma jista' jiġi sfurzat ikollu t-tfal, iżda dan jaqdi funzjoni soċjali li s-soċjetà jeħtieġ tappoġġja. Kwalunkwe diskussjoni dwar id-drittijiet tal-ġenituri u tat-tfal għandha tinvolvi l-indirizzar tan-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-maternità u tal-paternità. Dawn id-drittijiet għandhom jiġu ggarantiti matul it-tqala u wara l-ħlas, waqt it-treddigħ, waqt sitwazzjonijiet ta' mard jew fi kwalunkwe sitwazzjoni ġustifikabbli oħra. Il-leġiżlazzjoni eżistenti fl-Istati Membri għadha 'l bogħod milli tiġi implimentata fil-prattika, ibda fil-kumpaniji u fuq il-post tax-xogħol. Hemm ħtieġa urġenti li dawn id-drittijiet jiġu rispettati u estiżi, speċifikament billi jiġi garantit liv tal-maternità u tal-paternità b'paga sħiħa għal mill-inqas l-ewwel sitt xhur tal-ħajja ta' tarbija.

It-tfal, il-ġenituri, il-familji tar-rispett u l-persuni li jindukraw iridu jkunu protetti mid-diskriminazzjoni, irrispettivament minn jekk din tkunx għal raġunijiet ta' ġeneru, kulur, orjentazzjoni sesswali, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew opinjonijiet oħra, oriġini nazzjonali, etnika jew soċjali, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilità, età jew kwalunkwe status ieħor.

It-tfal jeħtieġu l-ħin: biex jorqdu, jissoċjalizzaw mal-familja u l-ħbieb, iqattgħu ftit ħin fil-beraħ, u jintegraw f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet kulturali, sportivi u relatati mal-logħob. Il-logħob huwa essenzjali biex jikbru sew u huwa dritt tagħhom.

It-tfal għandhom id-dritt li jkunu tfal, u li jikbru b'saħħithom u kuntenti. Il-familji tagħhom għandhom id-dritt li jakkumpanjawhom huma u jikbru.

## ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-lista li ġejja hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet jew mill-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Erradicar a pobreza |
| Prochild colab |
| Confederação Nacional das Associações de Pais |
| Associação Portuguesa de Famílias Numerosas |
| Laboratório de Estudos Sociais sobre o nascimento - nascer.pt |
| Movimento Democrático de Mulheres |
| ISCTE-IUL |
| Gabinete Desenvolvimento social da Fundação Nossa Sra do Bom Sucesso |
| CONFEDERAÇÃO GERAL DOS TRABALHADORES PORTUGUESES - INTERSINDICAL NACIONAL / CGTP-IN |
| Comissão para a Igualdade entre Mulheres e Homens |
| UDIPSS Lisboa - União Distrital das Instituições Particulares de Solidariedade Social de Lisboa |

28.9.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta' kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom
(2023/2066(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ewa Kopacz

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Josserva li l-kriżijiet mhumiex newtrali għall-ġeneru, li l-inugwaljanzi soċjali u bejn il-ġeneri madwar l-UE ġew aggravati b'riżultat ta' bosta kriżijiet konsekuttivi bħall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, diżastri relatati mat-tibdil fil-klima u ż-żieda attwali fl-għoli tal-ħajja u fil-kostijiet tal-enerġija, u li dawn affettwaw b'mod negattiv lit-tfal u lill-familji tagħhom f'termini ta' kundizzjonijiet tal-għajxien, introjtu u aċċess għall-impjieg, kura tas-saħħa, edukazzjoni u ħiliet, akkomodazzjoni, oġġetti u servizzi bażiċi, u kura u servizzi soċjali, u b'hekk f'termini tal-benesseri ġenerali tagħhom;

2. Huwa tal-fehma li l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (inkluż it-tnaqqis sinifikati fl-appoġġ soċjali għat-tfal u għall-familji, żieda fil-qgħad, l-użu fil-massa tal-impjieg prekarju u żieda fit-taxxi) u t-tnaqqis fil-baġit b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja tal-2008-2013 kabbru l-inugwaljanzi u kellhom rwol fid-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal;

3. Jenfasizza li l-kriżi tal-għoli tal-ħajja attwali heddet b'mod serju l-għajxien, is-saħħa u l-benesseri tan-nisa, qegħdithom u lill-familji tagħhom f'riskju li ma jkollhomx aċċess għall-akkomodazzjoni, illimitat il-kapaċità tal-akkwist tagħhom u l-kapaċità li jipprovdu l-ikel u żiedet il-faqar enerġetiku, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi; jenfasizza li n-nisa u t-tfal li jiffaċċjaw id-diskriminazzjoni intersezzjonali jsibu barrieri addizzjonali fl-aċċess għas-servizzi soċjali bażiċi; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-indirizzar tal-effetti tal-preġudizzji u ta' stereotipi persisteni fl-aċċess għal dawn is-servizzi u fl-indirizzar tal-effetti tal-faqar tal-ġenituri, li jwassal għall-faqar fost it-tfal; jenfasizza li l-investiment f'miżuri li jappoġġjaw lin-nisa jtejjeb ukoll il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal tagħhom; jinnota f'dan il-kuntest li l-ġenituri waħedhom qegħdin f'riskju akbar ta' faqar ikkawżat mill-kriżi u huwa aktar probabbli li

dawn jgħadduh minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni, u li 85 % tal-familji b'ġenitur waħdu għandhom kap mara; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw miżuri li jimmonitorjaw il-prezzijiet tal-enerġija, it-trasport u oġġetti essenzjali oħra sabiex jitnaqqas l-impatt tal-għoli tal-ħajja, b'mod speċjali fuq in-nisa, it-tfal u l-familji tagħhom;

4. Ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat sfidi għat-tfal, b'mod speċjali dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, permezz tat-tfixkil fir-rutina ta' kuljum tagħhom u fir-relazzjonijiet soċjali u aggravat l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri, b'mod speċjali żieda fix-xogħol ta' kura mhux imħallas u l-iżbilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u rriżultat f'piż doppju għal ħafna nisa, li spiss ikollhom xiftijiet itwal fuq il-post tax-xogħol u kura informali addizzjonali d-dar[1]; jindika li, fi żminijiet ta' kriżi, in-nisa, b'mod speċjali dawk fis-suq tax-xogħol, huma affetwati b'mod sproporzjonat mill-kuntest soċjoekonomiku tagħhom, kif ġara matul il-kriżi tal-COVID-19 meta 42 % tan-nisa fl-età ta' 15-24, 34 % tan-nisa fl-età ta' 25-39 u 27-29 % ta' dawk fl-età ta' 40-54 u 55 u iżjed ma kinux kapaċi jwettqu attività professjonali bil-ħlas kif xtaqu[2]; jinnota li sehem sproporzjonat tal-piż kien imġarrab min-nisa li ħadmu mill-bogħod, għaliex ħajjithom saru iktar diffiċli minħabba l-ħtieġa li jgħaqqdu x-xogħol, il-kura tat-tfal u l-faċendi tad-dar; huwa tal-fehma li l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 kellhom impatt fuq ir-rati tal-qgħad fl-Istati Membri, b'mod partikolari għan-nisa; għalhekk, huwa tal-fehma li huwa essenzjali li tiġi indirizzata d-dimensjoni tal-faqar tan-nisa fl-indirizzar ta' din is-sitwazzjoni u fit-tfittxija għal soluzzjonijiet; jenfasizza li l-kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19 aggravaw l-inugwaljanzi eżistenti inkluż fis-servizz relatat mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) jew wasslu għal sitwazzjoni kritika fl-aċċess għall-SRHR;

5. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa li għandhom kapaċità aktar limitata li jirreaġixxu għad-diżastri klimatiċi, naturali u ambjentali b'riżultat tal-aċċess inugwali tagħhom għar-riżorsi, l-edukazzjoni, l-opportunitajiet ta' impjieg, kif ukoll għal normi soċjali u kulturali prevalenti u l-esperjenzi differenti tagħhom li jiffaċċjaw ta' diskriminazzjoni intersezzjonali[3]; jindika li l-kriżi klimatika u l-impatti tagħha diġà qed jaggravaw dawn l-inugwaljanzi u se jkomplu jagħmlu dan fil-futur;

6. Jinnota li l-isforzi biex tinħoloq soċjetà verament ugwali, inkluż il-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, spiss ifallu fi żminijiet ta' kriżi; jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lil politiki u investimenti li jiġġieldu l-effetti negattivi ta' kriżijiet bħal dawn fuq it-tfal, in-nisa u l-familji tagħhom, inkluż dawk li jiżguraw aċċess għal servizzi ta' kura, edukazzjoni, saħħa jew akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u jipproteġu lill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jenfasizza l-importanza ta' perspettiva tal-ġeneru sistematika għall-analiżi ta' dawk il-problemi u l-impatti differenti tagħhom u biex jinstabu soluzzjonijiet olistiċi u ġusti; jinnota l-effetti soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u ż-żieda li tirriżulta fil-forom kollha ta'

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2022 lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura (ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30).
2 Unità tal-Monitoraġġ tal-Opinjoni Pubblika tal-Parlament Ewropew, "Flash Eurobarometer 2022 – Women in times of Covid-19", Marzu 2022.
[3] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2022 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-66 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (ĠU C 342, 6.9.2022, p. 276).

vjolenza kontra n-nisa, kif iddokumentat f'diversi rapporti minn bosta Stati Membri matul il-lockdown tal-COVID-19 u warajh li żvelaw żieda ta' tħassib fil-vjolenza domestika u abbażi tal-ġeneru, inkluż vjolenza fiżika, psikoloġika u ċibernetika; jindika li t-tfal huma wkoll affettwati u f'riskju; jindika r-riskji li ċerti kategoriji vulnerabbli jsiru vittmi tal-vjolenza, bħan-nisa li jfittxu ażil u l-komunità LGBTQIA+; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' riskju għat-tfal, għaż-żgħażagħ, għall-anzjani, għall-persuni b'diżabilità u biex jiġu appoġġjati gruppi f'riskju ta' faqar; jitlob li jissaħħaħ il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) sabiex tingħata prijorità lill-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' iżjed finanzjament għal azzjonijiet bl-għan li jipprevjenu u jiġġieldu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru skont il-qasam Daphne fi ħdan il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;

7. Jinnota li, sabiex jitnaqqsu dawn l-inugwaljanzi u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, huwa kruċjali li jinqerdu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, jiġu żgurati politiki u servizzi fit-tul li jippromwovu l-aċċess għal impjiegi deċenti u pagi ġusti, tinqered l-inugwaljanza fil-paga u fil-pensjonijiet, ikun hemm protezzjoni kontra l-ħafna kawżi ta' faqar u esklużjoni soċjali, jiġu ffaċilitati l-opportunitajiet ugwali għall-ġenituri li jirritornaw għax-xogħol u jippromwovu miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż l-aċċess ugwali għal kulħadd għal faċilitajiet ta' kura tat-tfal u ta' kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja u l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura, domestiċi u ta' kura tat-tfal bejn il-ġenituri fi ħdan il-familji; jindika li l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, bħala komponent ta' kura tat-tfal professjonali u ta' kwalità għolja, mhux biss tippermetti lill-ġenituri li jaħdmu, iżda wkoll tibbenefika l-iżvilupp soċjali u psikoloġiku tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforz biex jiksbu kopertura tas-saħħa universali, kif definit mid-WHO, u jipprovdu kura matul it-tqala u wara t-tqala lin-nisa kollha;

8. Ifakkar l-importanza tal-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura fid-dar, għaliex dan jippermetti lin-nisa bi dmirijiet ta' kura li jkunu rrappreżentati aħjar fis-suq tax-xogħol u li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-inklużjoni soċjali tagħhom; josserva li l-istereotipi tal-ġeneru u n-normi relatati mat-tqassam tar-responsabbiltajiet ta' kura mhux biss jiskoraġġixxu lill-irġiel milli jipparteċipaw bis-sħiħ bħala ġenituri, u fl-indukrar inġenerali, iżda huma wkoll detrimentali għan-nisa u għall-benesseri tagħhom, u huma ta' żvantaġġ għall-iżvilupp fil-karriera tagħhom[4]; jinnota li dawk b'responsabbiltajiet ta' kura għandu jkollhom ukoll id-dritt li jitolbu arranġamenti ta' ħinijiet flessibbli tax-xogħol, bħat-tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol, ħinijiet flessibbli u t-telexogħol; jisħaq li l-miżuri biex jinkiseb bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma importanti biex jiġi żgurat li r-responsabbiltajiet ta' indukrar jinqasmu ndaqs bejn in-nisa u l-irġiel u biex jiġu indirizzati d-disparitajiet fl-introjtu u fl-impjieg; jinnota li l-ksib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jiddependi fuq id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' servizzi ta' kura ta' kwalità għolja;

9. Ifakkar li fl-2021 fl-UE-27, 27,9 % tan-nisa ta' bejn il-25 u d-49 sena barra mill-forza tax-xogħol indikaw li l-kura tat-tfal jew tal-adulti fil-bżonn għall-kura kienet ir-raġuni ewlenija tagħhom għaliex ma fittxewx impjieg[5]; jindika li żieda fl-impjieg tan-nisa se

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, "Women's situation in the labour market" (Is-sitwazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol), aċċessat fit-2 ta' Ottubru 2023.
[5] Eurostat, tabella tal-bażi tad-data LFSA_IGAR, "Inactive population not seeking employment by sex, age and

jikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-UE u għat-titjib tal-istabbiltà ekonomika tal-Istati Membri; ifakkar li l-iżbilanċ bejn il-ġeneri fil-kura u l-impjieg jista' jirriżulta f'differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u f'differenzi kbar fir-rati ta' faqar f'età ikbar; jinnota li l-familji bit-tfal huma iktar milquta minn nuqqas ta' aċċess għas-suq tax-xogħol u minn inugwaljanzi fl-introjtu; jinnota li, filwaqt li d-differenza perċentwali fir-rata ta' impjieg tal-irġiel u tan-nisa mingħajr tfal hija ta' 1 %, għal dawk li għandhom wild li għandu inqas minn sitt snin, ir-rata hija ta' 21 % u titla għal 37 % għal dawk bi tlett itfal[6]; huwa tal-fehma li l-familji b'ġenitur waħdu, b'mod speċjali familji b'nisa waħedhom kap tad-dar, jinsabu f'riskju ikbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (42,1 % meta mqabbel ma' 29,6 % f'unitajiet ta' familji b'żewġ adulti u tlett itfal jew iktar), li huwa relatat mal-femminizzazzjoni tal-faqar, ir-rappreżentazzjoni żejda tan-nisa fix-xogħol prekarju u part-time, il-ħin sproporzjonat li n-nisa jqattgħu f'impjieg bi ħlas baxx, l-interruzzjonijiet fil-karrieri tan-nisa biex jieħdu ħsieb tfal jew membri oħra tal-familja, u d-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel[7]; jenfasizza, kif enfasizzat fil-leġiżlazzjoni dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-importanza tal-proposta għal miżuri addizzjonali għall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u t-tkeċċija tal-ġenituri u tal-indokraturi; iħeġġeġ l-użu bbilanċjat fil-ġeneru tal-liv tal-familja u tal-arranġamenti tax-xogħol flessibbli;

10. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sett komprensiv ta' regoli li jipprojbixxi l-prattika persistenti li n-nisa jintalbu waqt l-intervisti tax-xogħol dwar il-possibbiltà li jkunu tqal jew dwar jekk humiex tqal meta jkunu qed japplikaw għax-xogħol; jenfasizza li din hija forma ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol u jiċħad il-pressjoni li titfa' fuq l-ommijiet li jaħdmu;

11. Jenfasizza l-kontributi ewlenin tan-nisa fl-oqsma tal-impjieg, tal-kultura, tal-edukazzjoni, tax-xjenza u tar-riċerka; jirrikonoxxi d-deterjorament fil-fond fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nisa impjegati fl-arti u l-kultura u fin-negozji agrikoli u rurali mikro u żgħar, b'riżultat ta' nuqqas ta' investiment fl-attivitajiet ekonomiċi u kulturali u ta' appoġġ għalihom;

12. Huwa tal-fehma li n-nisa jinsabu f'riskju akbar ta' faqar mill-irġiel u li l-indirizzar tal-faqar tan-nisa mhuwiex biss importanti fih innifsu, iżda wkoll minħabba l-importanza vitali tiegħu fl-isforzi biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal; ifakkar li l-faqar menstruwali, li jirreferi għall-aċċess limitat għal prodotti sanitarji, jaffettwa madwar mara waħda minn kull għaxra fl-Ewropa; jisħaq li l-mistħija, l-uġigħ menstrwali mhux trattat u tradizzjonijiet diskriminatorji jwasslu għat-tluq bikri mill-iskola u rati ta' attendenza iktar baxxi għall-bniet fl-iskola u n-nisa fix-xogħol; jenfasizza li l-fehim tar-rabtiet bejn l-iġjene menstruwali u l-morbidità tal-ommijiet, il-mortalità u l-infertilità, l-STI/HIV u l-kanċer ċervikali huwa essenzjali biex jintemmu l-inugwaljanza fis-settur tas-saħħa u jistgħu jappoġġjaw l-identifikazzjoni bikrija u jsalvaw il-ħajja; jinnota li fl-2021, 24,4 % tat-tfal (taħt l-età ta' 18-il sena) fl-UE (19,8 miljun) kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; jinnota li din il-figura taqbeż it-30 % f'xi pajjiżi; huwa tal-fehma li t-

main reason – Care of adults with disabilities or children and other family or personal reasons – from 15 to 64 years old", aġġornata l-aħħar fl-14 ta' Settembru 2023.

[6] Eurofound, "Living and working in Europe 2021", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu, id-9 ta' Mejju 2022, p. 73.

[7] Eurostat, "1 in 4 children in the EU at risk of poverty or social exclusion", it-28 ta' Ottubru 2021.

tfal li jikbru fil-faqar isibuha iktar diffiċli jirnexxu fl-iskola, jibqgħu f'saħħithom u jilqħu l-potenzjal sħiħ tagħhom iktar tard fil-ħajja; jinnota li l-investiment soċjali fil-kapaċitajiet individwali waqt is-snin bikrin tat-tfal huwa ta' benefiċċju partikolari għat-tfal minn sfondi żvantaġġjati; huwa tal-fehma li, skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li l-Istati Membri kollha tal-UE huma firmatarji tagħha, it-tfal kollha għandhom jingħataw id-dritt għall-edukazzjoni, għas-servizzi ta' kura tas-saħħa, għall-akkomodazzjoni u għall-protezzjoni, għall-passatempi u għall-ħin liberu u għal dieta bilanċjata, kif ukoll id-dritt li jieħdu sehem f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom u li jirċievu kura f'ambjent ta' familja;

13. Jilqa' l-istrateġija tal-UE dwar il-kura u r-reviżjoni tal-miri ta' Barċellona dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal bħala xprunaturi ewlenin tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jindika l-importanza ta' tali edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u l-iżvantaġġi soċjali għat-tfal u għall-familji tagħhom[8]; jitlob sett ta' politiki, programmi u rakkomandazzjonijiet, kif ukoll investiment fil-livell Ewropew, biex tiġi rikonoxxuta l-kura bħala dritt u s-sinsla tas-soċjetà tagħna; jisħaq li dawn kollha għandhom jieħdu approċċ integrat u olistiku tul il-ħajja għall-kura, iżidu l-attraenza tax-xogħol fis-settur tal-kura għan-nisa u l-irġiel indaqs u jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-settur; madankollu, jisħaq li l-kwalità eżistenti u l-ammont ta' kura fit-tul u kura tat-tfal mhumiex suffiċjenti, b'mod speċjali għat-tfulija bikrija;

14. Ifakkar l-importanza tal-miri ta' Barċellona għall-2030, li jinkludu bħala miri li mill-inqas 50 % tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin u mill-inqas 96 % tat-tfal bejn l-età ta' tliet snin u l-età tal-bidu għall-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom jipparteċipaw fl-edukazzjoni u l-kura bikrin tat-tfal; jisħaq fuq ir-rwol ċentrali tan-nisa f'oqsma essenzjali tal-isfera pubblika, bħall-protezzjoni soċjali, il-kura, l-edukazzjoni u s-saħħa, li kollha jżommu l-ekonomija u s-soċjetà flimkien, iżda huma spiss tal-ewwel li jgħaddu minn tnaqqis fi kriżi; huwa tal-fehma li l-edukazzjoni u l-kura bikrin tat-tfal għandhom impatt deċiżiv fuq l-iżvilupp konjittiv tat-tfal, minħabba li dawn jiżviluppaw kapaċitajiet essenzjali fl-ewwel ħames snin ta' ħajjithom u li l-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità għolja jistabbilixxi l-pedamenti għal suċċess aktar tard fil-ħajja f'termini ta' edukazzjoni, benesseri, impjegabbiltà u integrazzjoni soċjali, u għandhom impatt sinifikanti fuq l-istima personali; huwa tal-fehma li l-kura tat-tfal u l-edukazzjoni preprimarja għandhom rwol sinifikanti fil-kumpens għall-istat soċjoekonmiku tat-tfal f'riskju ta faqar u jrawmu l-integrazzjoni tal-ġenituri, b'mod speċjali l-ommijiet, fis-suq tax-xogħol; huwa tal-fehma li edukazzjoni inklużiva tindirizza lill-istudenti kollha billi ssaħħaħ it-tagħlim u l-valuri kulturali u komunitarji; jinnota d-differenzi edukattivi fost it-tfal minn sfondi edukattivi diversi; jirrakkomanda li l-Istati Membri jiggarantixxu għat-tfal kollha aċċess universali għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja, formali jew informali u pubblika jew privata, f'kull età, sabiex jitrawwem l-iżvilupp emozzjonali, soċjali, konjittiv u fiżiku tagħhom, jiġi ssalvagwardjat il-benesseri tagħhom, u jiġi żgurat li t-tfal kollha jistgħu jibbenefikaw minn edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja u għalhekk jiġi massimizzat l-impatt tas-sistema edukattiva fl-ixprunar ta' opportunitajiet ugwali u jintemmu ċ-ċikli ta' esklużjoni;

[8] Fl-2021 fl-UE-27, 27,9 % tan-nisa ta' bejn il-25 u d-49 sena barra mill-forza tax-xogħol indikaw li l-kura tat-tfal jew tal-adulti fil-bżonn għall-kura kienet ir-raġuni ewlenija tagħhom għaliex ma fittxewx impjieg (Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-Eurostat tal-2021).

15. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ meħtieġ biex jiġi żgurat id-dritt għall-kultura, l-isports u l-passatempi u l-aċċess għal spazju miftuħ u ambjent b'saħħtu għat-tfal kollha, b'enfasi fuq l-iżgurar ta' aċċess ugwali u kwalità għat-tfal fil-faqar, it-tfal f'żoni remoti, it-tfal b'diżabilità, it-tfal minn minoritajiet nazzjonali, etniċi, reliġjużi, lingwistiċi u migranti, it-tfal li jiċċaqalqu ġewwa l-UE minkejja n-nazzjonalità tagħhom u t-tfal li jitħallew lura; ifakkar id-dritt għall-ħin liberu u d-dritt li jieħdu sehem f'logħob u attivitajiet rikreattivi, kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

16. Jisħaq li l-indirizzar tad-disparitajiet bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet għandu impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali u huwa essenzjali fil-ksib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jisħaq li d-disponibbiltà wiesa' tal-indukrar tat-tfal, tal-kura soċjali u tas-servizzi domestiċi ta' kwalità għolja hija kruċjali, billi n-nuqqas tagħhom jew l-aċċessibilità limitata jwasslu biex in-nisa jnaqqsu jew jabbandunaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol biex iwettqu dmirijiet ta' kura mhux imħallsa; jappella għal implimentazzjoni ambizzjuża tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi[9] u għal miżuri speċifiċi biex jiġġieldu kontra l-impjiegi prekarji, il-faqar fost dawk li jaħdmu, u s-segregazzjoni orizzontali u vertikali tas-suq tax-xogħol u s-sottovalutazzjoni tax-xogħol li jsir l-iktar min-nisa, li għandu jiġi rievalwat u rimunerat b'mod ġust;

17. Jinnota r-rwol importanti tal-familji f'sitwazzjonijiet ta' kriżi; jindika l-importanza tal-indukrar tat-tfal, tal-kura soċjali u tas-servizzi domestiċi xierqa għal ġenituri waħedhom, b'mod partikolari n-nisa, billi l-ommijiet waħedhom kienu affettwati b'mod sproporzjonat mill-kriżi tal-COVID-19 u huma vulnerabbli għall-ħtiġijiet ta' kura tal-qraba tagħhom, li jagħmluhom inqas disponibbli għall-attivitajiet professjonali[10]; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplimentaw u jsaħħu l-Garanzija għat-Tfal b'mod ambizzjuż biex jiġi żgurat li t-tfal kollha fl-UE, inkluż dawk f'żoni remoti, ikollhom aċċess għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa, akkomodazzjoni xierqa, kura tas-saħħa, edukazzjoni, kura u attivitajiet rikreattivi; ifakkar l-importanza tal-integrazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-politiki, fl-azzjonijiet u fil-programmi interni u esterni kollha tal-UE, kemm dawk leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, li jistgħu jaffettwaw lit-tfal b'mod dirett jew indirett, li jiżguraw il-konsistenza u l-koerenza; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Garanzija għat-Tfal[11];

18. Jisħaq li, fl-Ewropa, wieħed minn kull ħamest itfal ikun vittma ta' xi forma ta' vjolenza sesswali, li l-maġġoranza tal-abbuż isir f'qafas ipotetiku ta' fiduċja u li t-tfal jirrappreżentaw madwar kwart tal-vittmi tat-traffikar, li l-maġġoranza tagħhom huma bniet u li jsiru fil-maġġorparti vittmi ta' sfruttament sesswali[12]; jinnota li n-nisa żgħażagħ li jfittxu l-ażil jiffaċċjaw il-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza, abbuż, sfruttament u negliġenza fir-rigward tat-tfal; iħeġġeġ lill-

[9] Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21).
[10] Eurofound, "Economic and social inequalities in Europe in the aftermath of the Covid-19 pandemic", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, l-24 ta' Jannar 2023.
[11] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).
[12] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 dwar L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (COM(2021)0142).

Istati Membri jiżviluppaw u japplikaw sistemi integrati ta' prevenzjoni u protezzjoni tat-tfal bl-għan li jinqerdu l-vjolenza, l-abbuż, l-isfruttament u n-negliġenza, bl-involviment tal-iskejjel u tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, inkluż is-servizzi pubbliċi, biex joħolqu kundizzjonijiet ta' reazzjoni rapida, jipprovdu ambjent protettiv u jgħinu biex jemanċipaw it-tfal; jenfasizza li t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, mill-vjolenza u min-negliġenza;

19. Jirrimarka l-importanza tal-edukazzjoni u l-emanċipazzjoni għall-bniet u n-nisa bħala fattur fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u l-esklużjoni soċjali; jisħaq, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' programmi skolastiċi li jagħtu ħarsa kritika lejn l-istereotipi u l-impatt negattiv tagħhom fuq il-bniet u n-nisa, iżda wkoll fuq is-subien u l-irġiel, bl-għan li dawn jiġu żarmati; jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li t-tfal kollha jkollhom aċċess għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja f'kull età, formali jew informali; jenfasizza li l-edukazzjoni sesswali komprensiva għat-tfal kollha hija miżura essenzjali biex jintemmu l-inugwaljanzi u jaħdmu lejn soċjetà mingħajr vjolenza, għaliex tiġġieled stereotipi tal-ġeneru li jagħmlu ħsara u tippromwovi d-diversità, l-awtonomija tal-ġisem u l-integrità fiżika u mentali.

20. Jirrikonoxxi r-rwol vitali tal-iskejjel bħala fornituri ta' ikla nutrittiv ta' kuljum (f'ħafna każijiet, l-unika ikla) u promoturi tal-edukazzjoni nutrizzjonali li tmur lil hinn mill-ħitan tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw mill-inqas ikla waħda ta' kwalità tajba mingħajr ħlas fil-livelli kollha tal-edukazzjoni obbligatorja;

21. Iqis li huwa imperattiv li l-Istati Membri jiżviluppaw politiki li jindirizzaw il-prevalenza tat-tħaddim tat-tfal fl-UE; jisħaq, f'dan is-sens, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, li jenfasizzaw il-ħtieġa li titkabbar il-protezzjoni soċjali għat-tfal u l-familji tagħhom sabiex jittaffew il-faqar u l-inċertezza li jipperpetwaw it-tħaddim tat-tfal, inkluż li jiġi żgurat li t-twelid ta' kull tifel u tifla jiġi rreġistrat sabiex it-tfal ikollhom identità legali u jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom mit-twelid; jiġi promoss xogħol deċenti, li jipprovdi paga ġusta, b'enfasi speċjali fuq il-ħaddiema fl-ekonomija informali; jiġu promossi modi ta' ħajja rurali adegwati, inkluż billi tiġi appoġġjata d-diversifikazzjoni ekonomika, isir investiment fl-infrastruttura u s-servizzi, u jiġu estiżi l-protezzjoni u l-ippjanar tal-għelejjel, b'mod partikolari fil-biedja tal-familja, li parzjalment tkompli tiddependi mill-unità domestika kollha biex tieħu ħsieb il-proċessi agrikoli; jiġi żgurat li jkun hemm leġiżlazzjoni li tipproteġi lit-tfal, appoġġjata mill-istrumenti tal-istat meħtieġa għall-applikazzjoni tagħha; u jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' ġeneru u diskriminazzjoni li jżidu r-riskju tat-tħaddim tat-tfal, b'mod partikolari għall-bniet, relatati ma' xogħol domestiku mhux imħallas;

22. Jinnota li t-tfal minn varji sfondi, bħal migranti, rifuġjati, applikanti għall-ażil u tfal mingħajr dokumenti u mhux akkumpanjati, huma fost l-aktar milquta mill-faqar; jinnota li t-tfal li jgħixu f'familji b'ġenitur wieħed jew familji żvantaġġati kbar, tfal b'diżabilità u tfal minn minoritajiet etniċi huma wkoll f'riskju ta' faqar[13]; jenfasizza li hemm disparitajiet fl-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni għat-tfal l-aktar fqar u vulnerabbli; jisħaq li t-tfal Rom u madwar 11-il miljun tfal b'diżabilità huma fost l-iktar żvantaġġati fir-rigward tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità; jinnota li, filwaqt li t-tfal Rom fl-

[13] Save the Children, "Over 200,000 more children are at risk of poverty in the European Union: Save the Children report", is-7 ta' Marzu 2023.

Ewropa huma aktar probabbli li jitilqu kmieni mill-iskola fil-livell primarju jew sekondarju mingħajr ma jkunu kisbu ħiliet fundamentali, it-tfal b'diżabilità jibqgħu esklużi mill-iskola u mit-tagħlim ta' kwalità għolja għalkollox[14]; jisħaq li, skont l-Indiċi Globali tas-Saħħa tan-Nisa, fl-UE fl-aħħar 12-il xahar, madwar 44 % tan-nisa kollha ma ġewx ittestjati għal kwalunkwe mill-erba' mardiet kritiċi għan-nisa; jinnota li l-inugwaljanza bejn il-ġeneri tinibixxi lin-nisa u lill-bniet milli jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar is-saħħa u servizzi kritiċi; jisħaq fuq l-importanza tat-tnaqqis tad-disparitajiet tal-kura tas-saħħa għan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħtu prijorità lid-drittijiet tat-tfal fl-istrateġiji nazzjonali għar-Rom u jiżgura li t-tfal Rom ikollhom aċċess ugwali għal servizzi essenzjali, b'enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni primarja u sekondarja, il-kura tas-saħħa, in-nutrizzjoni u l-akkomodazzjoni deċenti; josserva li, għall-bniet li jiffaċċjaw bosta forom ta' diskriminazzjoni, il-barrieri għall-aċċess għad-drittijiet tagħhom u għall-qerda tal-faqar huma saħansitra iktar kumplessi; jinnota li, minħabba dan, huwa probabbli li se jiġu injorati fil-pjanijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli; jenfasizza l-importanza tal-investimenti fl-edukazzjoni kemm privata kif ukoll pubblika li jiżguraw metodi ta' tagħlim immirati u approċċ individwalizzat għat-tfal minn iktar gruppi soċjali vulnerabbli, bħal familji u komunitajiet soġġetti għall-esklużjoni; jisħaq li dan l-approċċ għandu jinkludi l-kollaborazzjoni bejn l-għalliema, l-ispeċjalisti soċjali u edukattivi, il-familji u l-komunitajiet; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jintegraw id-drittijiet tat-tfal fl-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2020-2030 u jappoġġjaw lill-familji, billi jinvestu fl-emanċipazzjoni tat-tfal u tal-familji tagħhom u fid-dritt għall-għajxien indipendenti;

23. Ifakkar li disa' miljun żgħażagħ fl-Ewropa (bejn 10 u 19-il sena) jgħixu b'mard mentali, fejn aktar min-nofs il-każijiet kollha huma ansjetà u dipressjoni; jisħaq li t-tbatija psikoloġika hija iktar prominenti għan-nisa u l-membri tal-komunità LGBTQIA+, minħabba d-diskriminazzjoni u l-marġinalizzazzjoni[15]; jisħaq ukoll li hemm prevalenza għolja ta' mard mentali fost it-tfal mhux akkumpanjati u migranti żgħażagħ, billi ċ-ċirkostanzi li dawn it-tfal jiffaċċjaw għandhom impatt sinifikanti fuq is-saħħa mentali; josserva li r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 jillimitaw b'mod sever l-opportunitajiet u l-interazzjonijiet soċjali tat-tfal, li jikkawżaw tfixkil mifrux u żieda fis-sintomi tad-dipressjoni, b'mod speċjali għal żgħażagħ nisa[16]; jinnota li l-iskejjel jiffaċilitaw l-aċċess għas-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali; ifakkar li l-UNICEF enfasizzat strateġiji ttestjati, bħall-implimentazzjoni tal-programmi biex jinbena l-għarfien u jissaħħu l-ħiliet ta' tolleranza emozzjonali għaż-żgħażagħ, l-integrazzjoni tas-servizzi ta' konsulenza tas-saħħa mentali fl-edukazzjoni, it-taħriġ tal-għalliema u l-persunal dwar kif isaħħu l-benesseri tal-istudenti, u l-ħolqien ta' spazji sikuri għat-tfal biex jiddiskutu u jikkondividu t-tħassib tagħhom[17]; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtieġ li jallokaw finanzjament xieraq għat-trattament tas-saħħa mentali u l-problemi psikosoċjali u għat-titjib tal-infrastruttura reġjonali permezz tal-programm FSE+ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, inklużi programmi mmirati għall-gruppi vulnerabbli;

---

[14] L-Uffiċċju Reġjonali tal-UNICEF għall-Ewropa u għall-Asja Ċentrali, "Situation of Children in Europe and Central Asia", Jannar 2023.
[15] UNICEF, "The Mental Health Burden Affecting Europe's Children", l-4 ta' Ottubru 2021.
[16] Save the Children, "Guaranteeing Children's Future: How COVID-19, cost-of-living and climate crises affect children in poverty and what governments in Europe need to do", Marzu 2023.
[17] UNICEF, "The Mental Health Burden Affecting Europe's Children", l-4 ta' Ottubru 2021.

24. Jinnota li l-inugwaljanzi fis-saħħa fost in-nisa huma marbuta sew mal-istat soċjoekonomiku u r-reġjun ġeografiku u li huwa kruċjali li jitqiesu l-fatturi soċjali u ekonomiċi li jiffurmaw il-ħajja u s-saħħa tan-nisa fi stadji differenti tal-ħajja; jindika li hemm nuqqas ta' servizzi ta' kura aċċessibbli, disponibbli u affordabbli ta' kwalità għolja fl-Istati Membri kollha, inkluż f'żoni rurali; jindika li, minħabba firxa wiesgħa ta' barrieri u restrizzjonijiet legali, finanzjarji, prattiċi, soċjali u kulturali, l-SRHR, inkluż l-abort sikur u legali, ivarjaw sew fi ħdan l-Istati Membri tal-UE u bejniethom; ifakkar li l-SRHR hija prekondizzjoni għall-inugwaljanza bejn il-ġeneri;

25. Ifakkar li ħafna rifuġjati nisa Ukreni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni jgħixu f'pajjiżi differenti tal-UE u mhux tal-UE fl-Ewropa u għandhom ħtiġijiet speċifiċi relatati mal-indukrar tat-tfal li jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex mhux biss jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol, iżda wkoll biex jiġu ffaċilitati t-tagħlim tal-lingwi u l-inklużjoni soċjali tat-tfal tagħhom; jenfasizza li l-gwerra fl-Ukrajna dgħajfet l-aċċess għall-kura tas-saħħa, inkluż is-servizzi tal-SRHR, u wasslet għal sitwazzjoni kritika biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-SHRH ta' dawk spostati;

26. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi li r-rifuġjati nisa Ukreni jiffaċċjaw, bħall-barrieri lingwistiċi, probabbiltà ikbar ta' iżolament soċjali u networks soċjali limitati; jinnota li r-rifuġjati Ukreni jistgħu jkunu f'iżjed riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali; jinnota li l-obbligi ta' kura huma barriera għall-impjieg għan-nisa Ukreni (33 %) meta mqabbel mal-irġieli Ukreni (9 %); jitlob lill-Istati Membri jindirizzaw dawn l-isfidi billi joffru appoġġ iddedikat għall-indukrar tat-tfal, bħall-appoġġ jew is-sussidji tal-kura tat-tfal[18];

27. Jisħaq li, skont rapport ta' Save the Children[19], aktar tfal qed jgħixu f'żoni milquta minn kunflitti armati milli fi kwalunkwe żmien ieħor f'dawn l-aħħar żewġ deċennji (speċjalment fl-Afganistan, fil-Jemen, fis-Sudan t'Isfel, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, fis-Sirja, fl-Iraq, fil-Mali, fin-Niġerja u fis-Somalja), b'100 000 tarbija jmutu kull sena bħala riżultat ta' kunflitti; ifakkar li 420 miljun tifel u tifla kienu qed jgħixu f'żoni affettwati mill-kunflitti fl-2017 (18 % tat-tfal kollha fid-dinja), li kien 30 miljun aktar mis-sena preċedenti;

28. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni strutturali u jippermettu lil kulħadd ikollhom aċċess mhux ristrett u nondiskriminatorju għas-suq tax-xogħol, li jtejjeb ukoll l-iżvilupp tat-tfal, isaħħaħ l-inklużjoni soċjali u l-ġustizzja u jnaqqas il-faqar; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jressqu miżuri speċifiċi biex jippromwovu l-aċċess għall-impjiegi u s-sigurtà għar-rifuġjati u għall-migranti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, id-Direttivi dwar it-Trasparenza tal-Pagi u tal-Pagi Minimi Ewropej[20], li huma miżuri ulterjuri li għandhom l-għan li jeliminaw id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri; jindika li r-rimunerazzjoni ġusta tgħin biex jiġi indirizzat il-faqar tan-nisa b'mod sostenibbli; jenfasizza li l-finanzjament tal-UE jippermetti l-appoġġ u l-investiment fil-livell nazzjonali biex jiġġieldu l-faqar tat-tfal u jippromwovu l-inklużjoni soċjali;

---

[18] Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, "What are the integration challenges of Ukrainian refugee women?", it-30 ta' Mejju 2023.
[19] Save the Children, "Stop the War on Children: Protecting children in 21st century conflict", 2019.
[20] Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

29. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq sett ta' miżuri u rakkomandazzjonijiet bl-għan li jrawmu tranżizzjoni lejn ekonomija li tpoġġi l-kura fiċ-ċentru tal-politiki tal-UE u nazzjonali b'aċċess ugwali u fil-ħin għas-servizzi tal-kura ta' kwalità, bħall-edukazzjoni tal-kura, filwaqt li jsir użu effiċjenti tal-għodod tal-UE disponibbli u jiddedikaw fondi adegwati għal dan il-qasam; itenni li, flimkien mal-FSE+, sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE jistgħu jintużaw b'mod dirett jew indirett biex jiffinanzjaw programmi li jkollhom impatt fuq il-ħajjiet tat-tfal u l-familji tagħhom, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn;

30. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema għall-monitoraġġ tat-treddigħ fil-livell tal-UE, sabiex jifhmu r-realtà u jgħinu fit-tfassil ta' politiki li jippromwovu t-treddigħ, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO;

31. Jappella biex prinċipji ta' integrazzjoni tal-ġeneri u bbaġitjar tal-ġeneri jiġu riflessi fl-oqsma kollha tal-politika, kif ukoll meta jitfasslu miżuri biex jirrispondu għal kriżijiet speċifiċi li jaffettwaw lin-nisa u lill-bniet; għalhekk jisħaq fuq il-ħtieġa li tinġabar speċifikament data diżaggregata u jiġu żviluppati għarfien dwar il-ġeneri u valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri biex jiġi żgurat li l-isfera tal-ġeneri tiġi integrata bis-sħiħ u biex ikun mifhum aħjar u jiġu indirizzati l-effetti speċifiċi ta' dawn il-politiki fuq in-nisa; jappella għal miżuri mmirati lejn il-ġeneri permezz ta' allokazzjoni biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa wara l-impatti negattivi ta' bosta kriżijiet, b'mod speċjali fl-oqsma tal-impjieg, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-SRHR, inkluż, fejn rilevanti, fil-programmi u l-istrumenti fi ħdan NextGenerationEU u fil-baġit fit-tul tal-UE għall-perjodu 2021-2027.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 19.9.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 2<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabella Adinolfi, Christine Anderson, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Annika Bruna, Maria da Graça Carvalho, Margarita de la Pisa Carrión, Gwendoline Delbos-Corfield, Lina Gálvez Muñoz, Lívia Járóka, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Karen Melchior, Johan Nissinen, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Christine Schneider, Sylwia Spurek |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Abir Al-Sahlani, Silvia Modig, Eleni Stavrou, Hilde Vautmans |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Ballarín Cereza |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 24 | + |
|---|---|
| ID | Annika Bruna |
| PPE | Isabella Adinolfi, Maria da Graça Carvalho, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Christine Schneider, Eleni Stavrou |
| Renew | Abir Al-Sahlani, Karen Melchior, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans |
| S&D | Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Lina Gálvez Muñoz, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Evelyn Regner |
| The Left | Silvia Modig, Eugenia Rodríguez Palop |
| Verts/ALE | Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek |

| 2 | - |
|---|---|
| ECR | Johan Nissinen |
| ID | Christine Anderson |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ECR | Margarita de la Pisa Carrión |
| ID | Maria Veronica Rossi |
| NI | Lívia Járóka |
| PPE | Arba Kokalari |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
# FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 7.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 33<br>–: 5<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Dominique Bilde, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Jordi Cañas, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Cindy Franssen, Chiara Gemma, Helmut Geuking, Alicia Homs Ginel, Irena Joveva, Ádám Kósa, Stelios Kympouropoulos, Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Max Orville, Sandra Pereira, Dragoş Pîslaru, Elżbieta Rafalska, Daniela Rondinelli, Pirkko Ruohonen-Lerner, Mounir Satouri, Monica Semedo, Eugen Tomac, Romana Tomc, Marianne Vind, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Gheorghe Falcă, Romeo Franz, Lukas Mandl, Eugenia Rodríguez Palop, Birgit Sippel |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Asim Ademov, Attila Ara-Kovács, João Pimenta Lopes, Thijs Reuten |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 33 | + |
|---|---|
| PPE | Asim Ademov, Jarosław Duda, Gheorghe Falcă, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Stelios Kympouropoulos, Lukas Mandl, Eugen Tomac |
| Renew | Atidzhe Alieva-Veli, Jordi Cañas, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo |
| S&D | João Albuquerque, Attila Ara-Kovács, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Thijs Reuten, Daniela Rondinelli, Birgit Sippel, Marianne Vind |
| The Left | Leila Chaibi, Sandra Pereira, João Pimenta Lopes, Eugenia Rodríguez Palop |
| Verts/ALE | Romeo Franz, Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Mounir Satouri |

| 5 | - |
|---|---|
| ECR | Chiara Gemma, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska, Pirkko Ruohonen-Lerner |
| PPE | Romana Tomc |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ID | Dominique Bilde |
| NI | Ádám Kósa |
| PPE | Tomáš Zdechovský |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni